# MALTA

**ATT Nru. XII ta' l-1991**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jipprovdi għar-regolament ta' kull xandir ta' smigħ u ta' televiżjoni f'Malta; kif ukoll sabiex jipprovdi dwar is-setgħat, dmirijiet u risorsi finanzjarji ta' l-Awtorità tax-Xandir imwaqqfa skond il-Kostituzzjoni; sabiex jipprovdi dwar it-twettiq u l-adempiment mill-Awtorità ta' funzjonijiet b'żieda ma' dawk stabbiliti mill-Kostituzzjoni; liema funzjonijiet jinkludu l-ħruġ ta' liċenzji għat-tħaddim ta' servizzi tar-radju u tat-televiżjoni f'Malta; sabiex jipprovdi dwar dawk is-setgħat kollha li jistgħu jinħtieġu sabiex l-Awtorità tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha skond il-Kostituzzjoni u dan l-Att; u sabiex jipprovdi dwar ħwejjeġ anċillari jew li għandhom x'jaqsmu mal-ħwejjeġ fuq imsemmija.**

**ACT No. XII of 1991**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to make provision for the regulation of all sound and television broadcasting services in Malta; as well as to provide for the powers, duties and financial resources of the Broadcasting Authority set up in accordance with the Constitution; to provide for the exercise and performance by the Authority of functions in addition to those established by the Constitution, which functions shall include that of issuing licences in respect of radio and television services in Malta; to make provision in respect of all such powers as may be necessary in order for the Authority to fulfil its functions in accordance with the Constitution and this Act; and to make provision in respect of matters ancillary thereto or connected therewith.**

# ATT TA' L-1991 DWAR IX-XANDIR

Arranġament ta' Artikoli


TAQSIMA I
*Preliminari*

Artikolu

1. *Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.*
2. *Tifsir.*

TAQSIMA II
*Funzjonijiet u Għamla*
*ta' l-Awtorità tax-Xandir*

3. *L-Awtorità tax-Xandir.*
4. *Status ta' l-Awtorità.*
5. *Chief Executive ta' l-Awtorità.*
6. *Assenza temporanja taċ-Chief Executive.*
7. *Rimunerazzjoni.*
8. *Proċedimenti tal-laqgħat ta' l-Awtorità.*
9. *Ħatriet ta' staff.*

TAQSIMA III
*Liċenzji tax-Xandir*

10. *Ħruġ ta' liċenzji tax-xandir.*
11. *Konsiderazzjonijiet li fuqhom timxi l-Awtorità fil-ħruġ ta' liċenzji tax-xandir.*
12. *Jedd ta' l-Awtorità li xxandar.*
13. *Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-għoti ta' servizzi ta'xandir f'Malta u dwar id-dmirijiet ta' l-Awtorità dwar dan.*
14. *Ħlas ta' drittijiet għal-liċenzja tax-xandir.*
15. *Direttivi mill-Awtorità.*
16. *Il-liċenzji tax-xandir u l-kuntratti mhumiex trasferibbli.*

TAQSIMA IV
*Rapporti bejn il-Ministru responsabbli*
*għat-Telegrafija mingħajr Fili u l-Awtorità*

17. *Tifsir.*
18. *Frekwenzi tax-xandir.*

TAQSIMA V
*Kodiċijiet*

19. *Kodiċi ta' reklamar u sponsorship.*
20. *Kodiċi għal programmi li ma jkunux reklami.*
21. *Kodiċi għal trasmissjonijiet teletext.*
22. *Projbizzjoni ta' ċerti sistemi.*

TAQSIMA VI
*Skedi ta' Programmi*

23. *Sottomissjoni għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità.*

TAQSIMA VII

*Dispożizzjonijiet Finanzjarji*

*24. Dħul ta' l-Awtorità.*
*25. Ħlasijiet mill-Awtorità.*
*26. Investiment ta' fondi.*
*27. Estimi ta' l-Awtorità.*
*28. Kontijiet u verifika.*
*29. Depożiti ta' flus u pagamenti.*
*30. Rapport annwali.*

TAQSIMA VIII

*Kuntratti u Setgħa ta' Akkwist jew Tneħħija ta' Proprjetà*

*31. Kuntratti ta' provvista jew xogħlijiet.*
*32. Setgħa ta' akkwist jew tneħħija ta' proprjetà.*

TAQSIMA IX

*Dispożizzjonijiet Mixxellanji*

*33. Kumitati konsultattivi.*
*34. Trattament inġust jew żbilanċat jew ksur ta' privatezza.*
*35. Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.*
*36. Setgħat tal-President.*
*37. Obbligi internazzjonali.*
*38. Reati u pieni.*
*39. Eżenzjonijiet.*
*40. Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, u Att dwar l-Istampa.*
*41. Emendi fil-Kodiċi Kriminali.*
*42. Emenda fl-Ordinanza dwar impjanti tas-Sistemi ta' Komunikazzjoni ta' l-Elettriku u tat-Telegrafija.*
*43. Emenda fl-Att dwar l-Istampa.*
*44. Tħassir ta' l-Ordinanza dwar ix-Xandir.*

L-Ewwel Skeda

It-Tieni Skeda

It-Tielet Skeda

Ir-Raba' Skeda

Naghti l- kunsens tieghi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

24 ta' Mejju, 1991

ATT Nru. XII ta' l-1991

*Att biex jipprovdi għar-regolament ta' kull xandir ta' smigħ u ta' televiżjoni f'Malta; kif ukoll sabiex jipprovdi dwar is-setgħat, dmirijiet u risorsi finanzjarji ta' l-Awtorità tax-Xandir imwaqqfa skond il-Kostituzzjoni; sabiex jipprovdi dwar it-twettiq u l-adempiment mill-Awtorità ta' funzjonijiet b'żieda ma' dawk stabbiliti mill-Kostituzzjoni, liema funzjonijiet jinkludu l-ħruġ ta' liċenzji għat-tħaddim ta' servizzi tar-radju u tat-televiżjoni f'Malta; sabiex jipprovdi dwar dawk is-setgħat kollha li jistgħu jinħtieġu sabiex l-Awtorità tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha skond il-Kostituzzjoni u dan l-Att; u sabiex jipprovdi dwar ħwejjeġ anċillari jew li għandhom x'jaqsmu mal-ħwejjeġ fuq imsemmija.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I
**Preliminari**

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ Att ta' l-1991 dwar ix-Xandir. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

**2.** F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra – Tifsir

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tax-Xandir imwaqqfa bl-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni;

"Malta" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"Ministru" sakemm ma jintweriex mod ieħor, tfisser il-Ministru responsabbli għall-Kultura;

"persuna" tinkludi wkoll korp magħqud imwaqqaf b'liġi u tinkludi wkoll dipartiment tal-Gvern;

"Pjan Nazzjonali għax-Xandir" tfisser il- Pjan Nazzjonali għax-Xandir kontenut fit-Tieni Skeda ta' dan l-Att;

"programmi mxandra mill-Awtorità" tinkludi programmi mxandra f'isem l-Awtorità skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

"reklamar" tfisser kull għamla ta' tħabbira mxandra bil-għan li ġġib 'il quddiem il-bejgħ, ix-xiri jew il-kiri ta' prodott jew servizz, li tippromovi kawża

jew idea jew li ġġib fis-seħħ xi effett ieħor mixtieq minn min jirreklama, li għaliha jkun ingħata żmien ta' trasmissjoni lil min jirreklama bi ħlas jew konsiderazzjoni simili;

"ritrasmissjoni" tfisser tirċievi u tittrasmetti simultanjament, irrispettivament mill-mezzi tekniċi mħaddmin, servizzi ta' programmi tar-radju jew tat-televiżjoni sħaħ u mhux mittiefsa, jew partijiet importanti ta' dawk is-servizzi, trasmessi minn xandara għalbiex jiġu riċevuti mill-pubbliku in ġenerali;

"sena finanzjarja" tfisser il-perijodu ta' tnax-il xahar li jintemm fil-wieħed u tletin jum ta' Diċembru ta' kull sena;

"servizz tar-radju fil-komunita`" tfisser servizz tar-radju intiż biex jaqdi l-bżonnijiet ta' komunita` jew lokalita` partikulari u li għandu medda ta' riċezzjoni limitata;

"servizz tar-radju mal-pajjiż kollu" tfisser servizz bir-radju intiż biex jaqdi l-bżonnijiet tal-pajjiż kollu u li għandu medda ta' riċezzjoni li tintlaħaq minn Malta kollha;

"sponsorship" tfisser il-parteċipazzjoni ta' persuna naturali jew ġuridika li mhux involuta fix-xandir bit-televiżjoni jew fil-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi, fl-iffinanzjar dirett jew indirett ta' programm jew it-trasmissjoni tiegħu, bil-għan li jinġieb 'il quddien l-isem, trade mark jew dehra ta' dik il-persuna;

" tekniki *subliminal* " tfisser sistemi tekniki li, bl-użu ta' immaġini għal żmien qasir ħafna jew b'kull mezz ieħor, jisplojtaw il-possibbilta` li twassal messaġġ lil, jew mod ieħor tinfluwixxi l-imħuħ ta' membri ta' udjenza mingħajr ma huma stess jindunaw, jew jindunaw bis-sħiħ, b'dak li jkun ġara;

"xandira" tfisser it-trasmissjoni li tibda biex issir bil-fili jew bil-mewġ fl-arja, magħduda dik li ssir bis-satellita, f'għamla sew bil-code jew mingħajr code, ta' programmi tar-radju jew televiżjoni maħsuba biex tkun irċevuta mill-pubbliku, iżda ma tinkludix ritrasmissjonijiet u servizzi ta' komunikazzjoni li jipprovdu sensiliet ta' tagħrif jew messaġġi oħra li jsiru b'talba individwali, bħal ma huma telecopying banek ta' informazzjoni elettroniċi u servizzi oħra simili.

## TAQSIMA II
## **Funzjonijiet u Għamla ta' l-Awtorità tax-Xandir**

L-Awtorità tax-Xandir

**3.** (1) Mingħajr preġudizzju u b'żieda mal-funzjonijiet taħt l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni, l-Awtorità jkollha l-funzjoni li tirregola servizzi ta' xandir ta' smigħ u ta' televiżjoni f'Malta u li toħroġ liċenzji għall-għoti ta' dawk is-servizzi skond dan l-Att.

(2) L-Awtorità jkollha wkoll il-jedd li tagħti hi nnifisha jew permezz ta' kuntratturi tax-xandir, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni f'Malta.

(3) L-Awtorità għandha b'żieda mas-setgħat l-oħra tagħha tassumi, minn data jew dati stipulati bil-miktub mill-Prim Ministru, dawk il-jeddijiet u dmirijiet

li joħorġu minn kull ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u operaturi bil-fil jew b'kull mod ieħor kif il-Prim Ministru jista' jispeċifika minn żmien għal żmien.

(4) Is-servizzi msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jistgħu jiġu provduti għal u f'isem l-Awtorità minn kuntratturi tax-xandir li, b'kuntratt ma' l-Awtorità, jkollhom bi ħlas lill-Awtorità u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-dritt u d-dmir li jipprovdu dawk is-servizzi għal u f'isem l-Awtorità.

(5) L-Awtorità ma tista' toħroġ ebda liċenzja jew tagħmel xi kuntratt skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu fuq bażi esklusiva, u kull provvediment li jkun jagħti din l-esklusivita' sew jekk kuntrattat jew mogħti qabel jew wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandu jitqies bħala null u ta' ebda effett, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-kuntratt jew tal-liċenzja li b'ebda mod ma jkunu jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu.

(6) L-Awtorità jkollha wkoll il-jedd li taħtar kuntrattur separat sabiex jipprovdi servizz biex jiġi trasmess jew separatament jew bil-mezz provdut mill-kuntratturi l-oħra, li jkun marbut li jagħti dak is-servizz f'dawk il-ħinijiet u taħt dawk il-kundizzjonijiet li tista' tistipula l-Awtorità u dan billi jitħallsu dawk id-drittijiet jew bis-saħħa ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet l-oħra li l-Awtorità tista' tistabbilixxi li għandhom jingħataw lilha jew lill-kuntrattur li jkun qiegħed jipprovdi s-servizz.

**4.** (1) L-Awtorità tkun korp magħqud li jkollu personalita' legali distinta u li tkun tista', salvi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, takkwista, iżżomm u tiddisponi minn propjeta' għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, li tħarrek u titħarrek, u li tagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha u dawk it-transazzjonijiet, irbit u obbligi kollha li jkunu inċidentali jew iwasslu għall-eżerċizzju jew qadi tal-funzjonijiet tagħha. Status ta' l-Awtorità

(2) Qiegħed b'dan jiġi preskritt li n-numru ta' membri ta' l-Awtorità, barra mic-Chairman, għandu jkun mhux anqas minn erbgħa u mhux iżjed minn sitta.

(3) Kull ħatra li ssir fl-Awtorità għandha tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

(4) Ir-rappreżentanza ġuridika ta' l-Awtorità tkun vestita fic-Chairman jew f'dak il-membru ieħor jew dawk il-membri oħra ta' l-Awtorità li l-Awtorità tista' tistabbilixxi b'riżoluzzjoni pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern:

Iżda l-Awtorità tista' tiddelega taħt id-direzzjoni ġenerali tagħha kull setgħa li għandha, li ma tkunx setgħa msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni, lil kull wieħed mill-membri tagħha jew lil kull wieħed mill-uffiċjali jew impjegati tagħha u tista' tawtorizza lil dawk il-persuni sabiex jidħru f'kull kuntratt, att jew kitba oħra li ssir għall-Awtorità u f'isimha, u sabiex jiffirmaw għaliha jew f'isimha kull kuntratt, att jew kitba bħal dawk, kif ukoll kull dokument ieħor, magħdudin, cheques u kambjali oħrajn, u l-Awtorità tista' wkoll tirratifika u taċċetta kull ħaġa li ssir għaliha u f'isimha mingħajr awtorizzazzjoni bħal dik.

(5) Kull dokument intiż li jkun kitba magħmula jew maħruġa mill-Awtorità u iffirmat miċ-Chairman f'isem l-Awtorità għandu jintlaqa' b'xhieda u għandu, sakemm jiġi pruvat li mhuwiex hekk, jitqies li hu kitba magħmula jew

maħruġa f'isem l-Awtorità.

Chief Executive ta' l-Awtorità

**5.** (1) Għandu jkun hemm Chief Executive ta' l-Awtorità li jinħatar wara li ssir sejħa pubblika għal applikazzjonijiet mill-Awtorità minn fost persuni li kellhom esperjenza ta' kif jiġu trattati ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu max-xandir u li jkunu wrew kapaċita' f'dan.

(2) Persuna ma tkunx kwalifikata li żżomm kariga, jew li taġixxi fiha, bħala Chief Executive jekk tkun skwalifikata mill-kariga ta' membru ta' l-Awtorità.

(3) Taħt id-direzzjoni ġenerali tagħha, l-Awtorità tista' tiddelega liċ-Chief Executive dawk is-setgħat u dmirijiet tagħha li jidhrulha meħtieġa jew xierqa biex tagħtih setgħa li jmexxi x-xogħol ta' l-Awtorità.

(4) Il-ħatra ta' persuna fil-kariga ta' Chief Executive, jew biex taġixxi f'dik il-kariga, għandha tiġi pubblikata fil-Gazzetta.

(5) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tolqot il-validita' ta' xi ħatra għall-kariga ta' Chief Executive magħmula validament qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

Assenza temporanja taċ-Chief Executive

**6.** (1) Meta ċ-Chief Executive ikun temporanjament assenti minn Malta jew ikun temporanjament inkapaċitat milli jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, l-Awtorità tista' taħtar persuna sabiex taġixxi ta' Chief Executive għal matul dak il-perijodu ta' assenza jew inkapaċità.

(2) Persuna maħtura skond l-aħħar subartikolu qabel dan tista' teżerċita s-setgħat kollha mogħtija liċ-Chief Executive, mid-data tal-ħatra tagħha.

(3) Il-persuna maħtura skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu m'għandhiex tkun persuna li tkun skwalifikata milli tokkupa l- kariga ta' membru ta' l-Awtorità.

Rimunerazzjoni

**7.** L-Awtorità għandha tħallas lil kull wieħed mill-membri tagħha għall-kariga tagħhom li jkunu qegħdin jokkupaw, minn flejjes disponibbli lill-Awtorità taħt l-artikolu 24, dik ir-rimunerazzjoni li l- President fuq il-parir tal-Prim Ministru jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi.

Proċedimenti tal-laqgħat ta' l-Awtorità

**8.** (1) Il-laqgħat ta' l-Awtorità għandhom jissejħu miċ-Chairman, jew b'inizjattiva tiegħu jew wara li ssir talba ta' tnejn mill-membri l-oħra li jkunu.

(2) L-Awtorità tista' taġixxi minkejja kull vakanza li jista' jkun hemm fost il-membri tagħha.

(3) Il-quorum ta' l-Awtorità jintgħamel minn nofs l-għadd ta' membri tagħha.

(4) Iċ-Chairman ikollu vot oriġinali u, fil-każ ta' għadd ta' voti ndaqs, casting vote; fl-assenza taċ-Chairman, il-membri l-oħra tal-bord jaħtru wieħed minn fosthom sabiex imexxi l-laqgħa, u dak il-membru jkollu għal dik il-laqgħa l-istess jeddijiet daqs iċ-Chairman.

(5) Membru ta' l-Awtorità li b'xi mod dirett jew indirett ikollu interess f'kuntratt magħmul jew propost li jsir mill-Awtorità għandu, kemm jista' jkun

malajr wara li ċ-ċirkostanzi rilevanti jsir jaf bihom, jiddikjara x-xorta ta' interess tiegħu fl-ewwel laqgħa ta' l-Awtorità wara li l-fatti rilevanti jkun sar jaf bihom.

(6) Kull dikjarazzjoni magħmula taħt is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu għandha titniżżel fil-minuti ta' l-Awtorità, u l-membru -

(a) ma għandux jieħu sehem, wara li jkun għamel dik id-dikjarazzjoni, f'xi diskussjoni jew deċiżjoni ta' l-Awtorità dwar dak il-kuntratt; u

(b) ma għandux jitqies għall-fini li jintgħamel quorum ta' l-Awtorità għal dik id-diskussjoni jew deċiżjoni.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u ta' dan l-Att, l-Awtorità tista' tirregola l-proċedimenti tagħha stess.

(8) Ebda membru ta' l-Awtorità ma għandu jieħu sehem regolarment fix-xandir.

(9) Ebda membru ta' l-Awtorità ma għandu jkun azzjonist ma' xi operaturi, detentur ta' liċenzja jew kuntrattur fix-xandir, u anqas ma jista' jkollu x'jaqsam ma' l-amministrazzjoni ta' xi servizz tax-xandir.

(10) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (5) sa (9) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għall-persuna ta' Chief Executive daqs li kieku r-riferenza hemm magħmula għall-membri kienet tinkludi referenzi għall-persuna ta' Chief Executive.

Ħatriet ta' *staff*

9. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u ta' kull liġi oħra li tapplika, l-Awtorità tista' taħtar segretarju u dawk l-uffiċjali u impjegati l-oħra li tista' tqis xierqa. Il-patti u kundizzjonijiet ta' l-ingaġġ ta' dak l-istaff, u tac-Chief Executive, għandhom ikunu bħal dawk ta' impjegati fis-servizz tal-Gvern u għandhom jiġu stabbiliti mill-Awtorità bi ftehim mal-Prim Ministru:

Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha titqies li tipprekludi t-twaqqif, mill-Awtorità bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, ta' skemi ta' inċentivi li għandhom x'jaqsmu mal-produttivita' jew mat-twettiq ta' xogħol.

## TAQSIMA III
## Liċenzji tax-xandir

Ħruġ ta' liċenzji tax-xandir

10. (1) Ħadd ma jista' jipprovdi servizzi ta' xandir ta' smigħ u ta' televiżjoni f'Malta għal Malta jew kull parti minnha mingħajr ma jkollu liċenzja bil-miktub mill-Awtorità, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "liċenzja tax-xandir".

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, liċenzja tax-xandir maħruġa taħt dan l-artikolu tista' tinħareġ taħt dawk il-patti, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet li l-Awtorità tista' tqis li jkunu xierqa.

(3) Il-liċenzji jistgħu jkunu ta' klassijiet jew deskrizzjonijiet partikulari u għandhom b'mod partikulari jinkludu liċenzji għal:

(a) servizzi tar-radju mal-pajjiż kollu; u

(b) servizzi tar-radju fil-komunità.

(4) Liċenzja għal xi servizz ta' xandir tista' biss tingħata lil soċjetà regolarment kostitwita f'Malta skond il-liġi li għandha x'taqsam mas-soċjetajiet kummerċjali li f'dak iż-żmien tkun fis-seħħ f'Malta li, fil-każ ta' liċenzja għal servizz ta' radju fil-komunità tkun proprjetà assoluta ta' ċittadini Maltin ordinarjament residenti f'Malta, u fil-każi l-oħra kollha, ikollha maġġoranza tal-ishma bid-dritt tal-vot tagħha kontrollati minn dawk iċ-ċittadini:

Iżda liċenzji għal servizzi tar-radju fil-komunita' jistgħu jingħataw ukoll lil individwi li huma ċittadini ta' Malta u li huma ordinarjament residenti f'Malta.

(5) Ebda organizzazzjoni, persuna jew kumpanija ma tista' tippossjedi, tikkontrolla jew tkun ukoll responsabbli għal iktar minn liċenzja tax-xandir waħda maħruġa taħt dan l-Att:

Iżda l-Gvern jista', permezz ta' kumpanija msemmija mill-Ministru, b'avviż fil-Gazzetta, bħala kumpanija li tipprovdi servizzi tax-xandir pubbliku, jippossjedi, jikkontrolla jew ikun ukoll responsabbli għal iktar minn servizz tax-xandir wieħed:

Iżda iktar, il-Gvern ma jistax jippossjedi servizzi tax-xandir jew jipparteċipa fil-pussess tagħhom ħlief permezz ta' kumpanija bħal dik, u ebda kumpanija oħra li fiha l-Gvern għandu sehem biżżejjed biex jikkontrolla ma jista' jkollha ishma bi dritt għall-vot f'kumpanija li tipprovdi xi servizz ta' xandir.

(6) Meta d-detentur ta' liċenzja tkun soċjetà, ħadd ma jista' jaġixxi bħala
Kap 248 direttur ta' dik is-soċjetà ħlief jekk ikun kwalifikat skond l-Att dwar l-Istampa sabiex ikun editur ta' gazzetta.

(7) Id-detentur ta' liċenzja ta' servizz ta' radju fil-komunità għandu qabel il-15 ta' Jannar ta' kull sena kalendarja jiddikjara bil-miktub lill-Awtorità l-ħsieb tiegħu li jkompli jipprovdi servizzi ta' xandir fuq il-frekwenza speċifikata fil-liċenzja tiegħu għal sena oħra.

(8) Liċenzji għas-servizzi msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jinkludu l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att:

Iżda s-servizzi ta' radju fil-komunità għandhom ikunu suġġetti għall-inqas regolament possibli konsistenti ma' l-interess pubbliku u li dawk is-servizzi jkunu suġġetti għal kundizzjonijiet li, meqjusin flimkien, ikunu inqas tqal minn dawk provduti għal servizzi tar-radju mal-pajjiż kollu.

(9) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita' ta' dak imsemmi qabel, liċenzja tista' b'mod partikolari tkun suġġetta għal-limitazzjonijiet dwar l-iktar żmien, l-inqas żmien, jew sew l-iktar u l-inqas żmien, li għandu jingħata kuljum għal xandiriet mid-detentur ta' liċenzja, u dwar is-sigħat tal-jum li matulhom dawk ix-xandiriet jistgħu jew ma jistgħux isiru, u jkun id-dmir tad-detentur tal-liċenzja li jikkonforma ruħu ma' dawk il-limitazzjonijiet jew kundizzjonijiet oħra.

(10) Mal-ksur ta' kull patt, kundizzjoni jew limitazzjoni marbutin ma' liċenzja tax-xandir, kull min jikkommetti dak il-ksur ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att.

(11) Liċenzja tax-xandir, sakemm din ma tkunx ġiet qabel revokata mill-

Awtorità, għandha tkompli fis-seħħ għal dak il-perijodu li jista' jiġi speċifikat fil-liċenzja, sakemm dak il-perijodu ma jkunx jaqbeż it-tmien snin:

Iżda detentur ta' liċenzja jista', mhux aktar kmieni minn sena qabel l-iskadenza ta' liċenzja, japplika għal liċenzja oħra, u dik il-liċenzja ma għandhiex tinċaħad mingħajr raġuni valida.

Kunsiderazzjonijiet li fuqhom timxi l-Awtorità fil-ħruġ ta' liċenzji tax-xandir.

**11.** (1) Meta l-Awtorità tkun qed toħroġ il-liċenzji tax-xandir, hija għandha tqis dawn il-kunsiderazzjonijiet -

(a) illi l-prinċipji ta' libertà ta' espressjoni u pluraliżmu jkunu l-prinċipji bażiċi li jirregolaw l-għoti ta' servizzi tax-xandir f'Malta;

(b) illi sistema diversa ta' stazzjonijiet pubbliċi u privati bil-karattru partikolari tagħhom tkun l-aħjar sistema għar-realizzazzjoni tal-prinċipji bażiċi fuq imsemmija;

(ċ) illi stazzjonijiet privati jitħallew jaħdmu b'mod tali li jassiguraw distribuzzjoni ta' programmar li jappella għal interessi ġenerali kif ukoll dawk speċifiċi u diversi, u dan fil-qafas ta' pjan nazzjonali għax-xandir li bih jiġu allokati diversi frekwenzi. It-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att tkun dan il-Pjan ta' Xandir Nazzjonali u dan għandu jitfassal, u minn żmien għal żmien jiġi rivedut, mill-Ministru flimkien mal-Ministru responsabbli għat-telegrafija mingħajr fili;

(d) illi ma tiġix permessa sitwazzjoni ta' monopolju jew xi sitwazzjoni simili ta' grupp żgħir ta' persuni favur xi stazzjon jew grupp ta' stazzjonijiet; u

(e) illi fl-għoti ta' liċenzji lil persuni differenti fuq il-frekwenzi differenti allokati lilha skond l-artikolu 18 ta' dan l-Att, hija għandha wkoll tikkonsidra l-possibilità ta' xandir bil-fili jew permezz ta' dawk il-metodi teknoloġiċi oħra li jistgħu jkunu possibbli.

(2) L-Awtorità għandha b'mod speċifiku tikkonsidra:

(a) illi l-kriterji għall-eżami ta' applikazzjonijiet għal-liċenzji jinkludu:

- (i) potenzjal ekonomiku u viabilità
- (ii) kwalità ta' programmar skedat, u
- (iii) pjanijiet u proġetti teknoloġiċi u tax-xandir;

(b) illi d-detentur ta' liċenzja jkun kapaċi jwettaq l-obbligi kollha tiegħu taħt dan l-Att u li jassigura konformità mad-direttivi kollha ta' l-Awtorità hekk kif l-Awtorità tista' tqis meħtieġ jew spedjenti għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet imsemmija fl-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni.

(3) Applikant li l-applikazzjoni tiegħu tiġi rifjutata u li jidhirlu li l-Awtorita' ma aġixxietx skond ir-regoli tal- ġustizzja naturali, jew li aġixxiet b'manjiera grossolosament irraġonevoli jew li iddiskriminat mingħajr raġuni kontra tiegħu, jew li l-applikazzjoni tiegħu tkun ilha pendenti għal mill-inqas erba' xhur, jista' jappella kontra din id-deċiżjoni jew dewmien lill-Qorti ta' l-Appell skond il-proċeduri fis-subartikoli (5), (6), (7), (9) u (10) ta' l-artikolu 16 ta' dan l-Att.

(4) Applikazzjonijiet li jsiru skond dan l-Att għal liċenzji biex jipprovdu servizzi tar-radju mal-pajjiż kollu li jaslu għand l-Awtorita' qabel il- 5.00 p.m. tal-10 ta' Ġunju, 1991, għandhom jiġu deċiżi mill-Awtorita' qabel jew fit-8 ta' Novembru, 1991.

Jedd ta' l-Awtorità li xxandar

**12.** L-Awtorità għandha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, is-setgħa wkoll li tagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha li huma fil-fehma tagħha meħtieġa jew li jwasslu għat-twettiq xieraq tal-jedd tagħha taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att u, b'mod partikolari, hija għandha bil-għan li twettaq dak il-jedd, ikollha setgħa, jekk ikun hekk jidhrilha —

(a) li tistabbilixxi, tinstalla u tuża stazzjonijiet għall-għoti ta' servizzi tax-xandir;

(b) li tagħmel arranġamenti għall-forniment u tagħmir ta' studios u fondi oħrajn għall-finijiet ta' xandir ta' smigħ u ta' televiżjoni, jew jekk ikun meħtieġ hi stess tforni u tgħammar dawk l-istudios u fondi oħrajn;

(ċ) li tiġbor u xxandar aħbarijiet u tagħrif f'Malta u minn kull parti tad-dinja;

(d) li ġġib 'il quddiem il-kapaċitajiet ta' persuni fix-xandir billi tipprovdi, jew tassisti oħrajn jipprovdu, faċilitajiet għal taħriġ, edukazzjoni u riċerka.

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-għoti ta' servizzi tax-xandir f'Malta u dwar id-dmirijiet ta' l-Awtorità dwar dan.

**13.** (1) Ikun id-dmir ta' l-Awtorità li twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att għar-rigward tal-liċenzjar tas-servizzi msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 bil-mod li tqis bħala li hu l-aħjar sabiex tassigura li taqsima wiesgħa ta' dawn is-servizzi tkun disponibbli ma' Malta kollha.

(2) Ikun id-dmir ta' l-Awtorità li tissodisfa lilha nnifisha illi, kemm jista' jkun, il-programmi mxandra minn persuni li jagħtu servizzi ta' xandir ta' smigħ jew ta' televiżjoni f'Malta jkunu konformi ma' dawn il-ħtiġiet li ġejjin, jiġifieri –

(a) li ma jiddaħħal xejn fil-programmi li joffendi s-sentiment reliġjuż, gosti tajbin jew id-deċenza jew li x'aktarx jinkoraġġixxi jew iħajjar għall-kriminalità jew iwassal għal diżordni jew ikun offensiv għal sentimenti pubbliċi;

(b) li l-aħbarijiet kollha mogħtija fil-programmi (f'liema għamla tkun) jiġu preżentati bl-eżattezza dovuta;

(ċ) li jingħata ħin biżżejjed lill-aħbarijiet u avvenimenti kurrenti u li l-aħbarijiet kollha fil- programmi (f'liema għamla tkun) jiġu preżentati bl-imparzjalita' dovuta;

(d) li proporzjonijiet xierqa ta' materjal rekordjat u materjal ieħor imdaħħal fil-programmi jkunu ta' oriġini u għamla Maltija, u li sehem raġonevoli ta' dawk il-programmi jkun bl-ilsien Malti;

(e) li l-programmi mxandra jkun fihom proporzjon sostanzjali ta' materjal li jkun maħsub sew sabiex jappella għall-interessi, gosti u preferenzi tal-pubbliku in ġenerali; u

(f) li tinżamm l-imparzjalità dovuta dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika

jew industrijali jew li għandhom x'jaqsmu ma' policy pubblika kurrenti:

Iżda, ħlief fil- każ ta' servizzi pubbliċi tax-xandir, fl-applikazzjoni tal-paragrafi (ċ) sa (f) ta' dan is-subartikolu, l-Awtorità tista' tikkonsidra l-produzzjoni ġenerali ta' programmi provduti mid-detenturi ta' liċenzja u kuntratturi tax-xandir diversi, ilkoll flimkien bħala ħaġa waħda.

(3) L-Awtorità għandha tassigura li, matul iż–żmien kollu ta' tħaddim tal-liċenzja ta' servizz tar-radju fil-komunità, il-fehmiet u l-espressjonijiet tad-detantur ta' liċenzja jew ta' persuni partikulari jew korpi partikulari, dwar ħwejjeġ reliġjużi jew dwar ħwejjeġ li huma ta' kontroversja politika jew industrijali jew li għandhom x'jaqsmu ma' policy pubblika kurrenti ma jippredominawx.

(4) Ikun ukoll id-dmir ta' l-Awtorità li, minn żmien għal żmien torganiżża skemi ta' xandiriet politiċi (magħdudin spots politiċi) li jkunu jiddistribwixxu b'mod ġust il-faċilitajiet u ż–żmien bejn il-partiti politiċi diversi rappreżentati fil-Parlament; li tipproduċi diskussjonijiet jew dibattiti li jkunu bilanċjati b'mod ġust li jagħtu opportunità ta' smigħ ta' persuni minn gruppi b'interessi partikulari li jkunu differenti u b'punti di vista differenti, kif ukoll li tipproduċi kummentarji jew programmi oħra dwar materji li għandhom x'jaqsmu ma' policy pubblika kurrenti, li fihom min ikun qiegħed jieħu sehem jista' jxandar veduti u kummenti differenti.

(5) Sabiex twettaq id-dmir tagħha taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, l-Awtorità għandha b'żieda mas-setgħat kollha tagħha, ikollha l-jedd li tordna lil xi persuna jew lill-persuni kollha li jipprovdu s-servizzi ta' xandir f'Malta intiżi biex jiġu riċevuti f'Malta sabiex jagħtu, mingħajr ebda ħlas, kull faċilità ta' recording u faċilitajiet oħra li jistgħu jinħtieġu għall-produzzjoni tal-programmi msemmija għar-radju u għat- televiżjoni, kif ukoll sabiex jittrasmettu, mingħajr ebda ħlas, f'dawk il-jiem u f'dawk il-ħinijiet li l-Awtorità tistabbilixxi, l-istess programmi:

Iżda s-setgħat ta' l-Awtorità taħt dan is-subartikolu jistgħu biss jitħaddmu sakemm dak it-tħaddim huwa ġustifikat b'mod raġonevoli f'soċjetà demokratika.

**14.** (1) Mal-ħruġ u t-tiġdid ta' liċenzja tax-xandir u, meta r-regolamenti taħt dan l-Att hekk jipprovdu, f'kull żmien wara dak iż-żmien kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti, għandu jitħallas minn min ikun qiegħed japplika għal dak il-ħruġ jew tiġdid dawk l-ammonti li jistgħu jiġu preskritti b'regolamenti, u jistgħu jsiru dispożizzjonijiet differenti f'dawk ir-regolamenti għar-rigward ta' liċenzji differenti, skond ix-xorta, patti, kundizzjonijiet, limitazzjonijiet u perijodu ta'validità tagħhom:

*Ħlas ta' drittijiet għal-liċenzja tax-xandir.*

Iżda r-regolamenti magħmulin jista' jkun fihom dispożizzjonijiet li jawtorizzaw, f'dawk il-każijiet li ma jkunux mod ieħor imsemmija fir-regolamenti, il-ħlas ta' dawk l-ammonti, sew mal-ħruġ jew mat-tiġdid tal-liċenzja jew wara, hekk kif fil-każ partikulari jidhru lill-Awtorità li jkunu xierqa u ġustifikati.

(2) Il-kuntratti bejn l-Awtorità u kuntratturi tax-xandir li jistgħu jinħatru taħt artikolu 3 ta' dan l-Att għandhom jipprovdu dwar ħlasijiet li jsiru mill-kuntratturi tax-xandir lill-Awtorità.

**15.** L-Awtorità għandha jedd li tagħti lil kull min ikun qiegħed jagħti, jew ikun responsabbli għall-għoti ta' xi servizz tax-xandir ta' smigħ jew ta' televiżjoni

*Direttivi mill-Awtorità.*

f'Malta, dawk id-direttivi bil-miktub li l-Awtorità tista' tqis meħtieġa jew spedjenti għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet imsemmija fl-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u għall-adempiment xieraq ta' kull dmir ieħor jew funzjoni oħra msemmija f'dan l-Att, magħdudin direttivi li wieħed ma jxandarx, jew li jxandar, jew li jara li tixxandar, jew li jipprovdi kundizzjonijiet għax-xandir ta' kull ħaġa msemmija fid-dispożizzjonijiet imsemmija qabel tal-Kostituzzjoni u ta' dan l-Att, u magħdudin direttivi li jeħtieġu l-għoti bil-quddiem ta' scripts u partikularitajiet ta' programmi, l-għoti ta' recordings ta' programmi u l-għoti ta' dak it-tagħrif ieħor li l-Awtorità tista' teħtieġ b'mod raġonevoli għall-finijiet imsemmija qabel.

Il-Liċenzji tax-xandir u l-kuntratti mhumiex trasferibbli.

**16.** (1) Ebda liċenzja tax-xandir jew kuntratt ma għandhom jiġu trasferiti, u l-kontroll ta' soċjetà, jew l-ishma fil-proprjetà ta' soċjetà li lilha jingħata kuntratt jew liċenzja tax-xandir ma jista' jiġi trasferit fis-sħuħija tiegħu jew sehem minnu mingħajr il-kunsens bil-miktub mogħti minn qabel mill-Awtorità, liema kunsens ma jistax jinżamm milli jingħata irraġonevolment.

(2) L-Awtorità tista' teħtieġ minn żmien għal żmien mingħand detenturi ta' liċenzja jew kuntratturi tax-xandir, dawk id-dikjarazzjonijiet, prospetti, kontijiet, dokumenti u tagħrif ieħor li l-Awtorità tista' tqis meħtieġa jew konsiljabbli għall-fini li jiġi assigurat li l-ħtiġiet ta' dan l-Att ikunu qegħdin jitwettqu.

(3) Kull liċenzja maħruġa mill-Awtorità kif ukoll kull kuntratt bejn l-Awtorità u kuntrattur tax-xandir għandu jkollhom dawk il-provvedimenti kollha (magħdudin provvedimenti għall-finijiet stabbiliti fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att) hekk kif l-Awtorità tqis li jkun meħtieġ jew spedjenti sabiex ikun hemm konformità u tiġi assigurata konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, kull liċenzja maħruġa mill-Awtorità kif ukoll kull kuntratt bejn l-Awtorità u kuntrattur tax-xandir għandu jkollhom provvediment li jkun jirriserva għall-Awtorità l-jedd, jekk ikun hemm xi kontravvenzjonijiet mid-detentur tal-liċenzja tax-xandir jew kuntrattur tax-xandir, li tinnotifika lid-detentur tal-liċenzja jew lill-kuntrattur tax-xandir, b'avviż bil-miktub, li jibda jseħħ minnufih jew f'data msemmija fl-avviż, sabiex jiddetermina l-liċenzja jew il-kuntratt, jew jissospendi t-tħaddim tal-liċenzja jew tal-kuntratt, skond il-każ, għal dak il-perijodu li jista' jiġi speċifikat fl-avviż jew sakemm jingħata avviż ieħor.

(5) Detentur ta' liċenzja li jħoss ruħu aggravat minn deċiżjoni ta' l-Awtorità biex jissospendi jew jiddetermina l-liċenzja tiegħu skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, jista' jappella kontra dik id-deċiżjoni lill-Qorti ta' l-Appell b'rikors li jiġi preżentat fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika li ssirlu dwar id-deċiżjoni ta' l-Awtorità.

(6) Meta jiġi preżentat rikors fiż-żmien stabbilit fis-subartikolu (5), għandha wkoll tiġi notifikata kopja tiegħu lill-Awtorità li għandha fi żmien ħmistax-il jum minn dik in-notifika tippreżenta risposta li tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha.

(7) Il-Qorti ta' l-Appell għandha, ma' l-iskadenza taż-żmien stabbilit fis-subartikolu li jiġi minnufih qabel dan, jistabbilixxi data għas-smigħ ta' l-appell, li għandu jinqata' b'urġenza.

(8) Il-Qorti ta' l-Appell tista', wara li jsirilha rikors mill-appellant, tordna s-sospensjoni tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità filwaqt li l-appell ikun pendenti.

(9) Il-Bord imwaqqaf bl-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli dwar appelli li jsiru fil-Qorti ta' l-Appell taħt dan l-artikolu, u li jkunu jippreskrivu d-drittijiet li jitħallsu għal dawk l-appelli. Kap 12

(10) Meta ma jkunx sar appell validu fiż–żmien stabbilit bis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, jew meta l-appell ikun ġie ċedut jew mhux komplut, jew meta l-kwestjoni tkun inqatgħet mill-Qorti ta' l-Appell, id-deċiżjoni dwar is-sospensjoni jew determinazzjoni tal-liċenzja tax-xandir in kwestjoni għandha tkun finali u konklussiva għall-finijiet ta' dan l-Att.

## TAQSIMA IV
## Rapporti bejn il-Ministru responsabbli għat-Telegrafija mingħajr Fili u l-Awtorità.

**17.** F'din it-Taqsima:- Tifsir

"Ministru" għandha l-istess tifsir mogħti lilha fl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili; u Kap. 49

"frekwenzi tax-xandir" tfisser frekwenzi partikulari għat-trasmissjoni ta' sinjali tar-radju, televiżivi u oħrajn, mibgħutin minn egħjun partikulari f'qawwiet partikulari u f'direzzjonijiet partikulari.

**18.** (1) Il-Ministru jista', b'avviż, jassenja lill-Awtorità għall-fini tal-għoti ta' servizzi li għandhom jingħataw kif liċenzjati jew kuntrattati minnha taħt dan l-Att, dawk il-frekwenzi tax-xandir li jista' jistabbilixxi; u kull frekwenza li tista' tiġi hekk assenjata għandha tittieħed li tkun ġiet hekk assenjata għall-fini biss li tintuża għall-għoti ta' dawk is-servizzi. Frekwenzi tax-xandir

(2) Frekwenza li tiġi assenjata mill-Ministru taħt is-subartikolu (1) tista' tiġi hekk assenjata għall-użu f'dik iż-żona jew f'dawk iż–żoni biss li jistgħu jiġu speċifikati mill-Ministru fl-assenjament li jagħmel.

(3) Fl-għoti ta' liċenzji tax-xandir bir-radju u televiżjoni, l-Awtorità għandha, ħlief meta dawk ix-xandiriet ikollhom jiġu esklussivament trasmessi bil-fili, tindika l-frekwenza tax-xandir li għandha tintuża mid-detentur tal-liċenzja, u jkun id-dmir tad-detentur tal-liċenzja li jillimita x-xandiriet tiegħu għal dik il-frekwenza tax-xandir. L-Awtorità għandha, flimkien mal-Ministru, timponi dawk il-kundizzjonijiet li tqis xierqa dwar l-apparat li għandu jintuża mid-detentur tal-liċenzja u l-mod li bih dak it-tagħmir għandu jintuża mid-detentur tal-liċenzja u dak id-detentur għandu jwettaq dawk il-kundizzjonijiet.

(4) L-Awtorità għandha tara li d-detentur ta' liċenzja jillimita t-trasmissjonijiet tiegħu għall-frekwenza tax-xandir indikata fil-liċenzja u li josserva dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fuqu bis-saħħa tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

(5) Il-Ministru għandu jagħti lill-Awtorità dik l-assistenza teknika li hija tkun tista' raġonevolment teħtiġ fit-twettieq ta' dmirijietha taħt dan l-Att, b'dak il-ħlas li jista' minn żmien għal żmien jinftiehem bejn il-Ministru u l-Awtorità.

TAQSIMA V

**Kodiċijiet**

Kodiċi ta' reklamar u sponsorship

**19.** (1) Ir-reklami għandhom biss jitħallew jiddaħħlu fil-programmi mxandra mid-detenturi ta' liċenzja u kuntratturi ta' l-Awtorità sakemm id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar dan jitwettqu. Persuni oħra li jagħtu servizzi tax-xandir f'Malta jitħallew jinkludu reklami u sponsorships fil-każ biss li l-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għat-telegrafija mingħajr fili, jkun ta direttivi lill-Awtorità dwar dan b'avviż bil-miktub, li jistabbilixxi f'dak l-avviż liema subartikoli jekk ikun hemm, jew liema partijiet minnhom, ta' dan l-artikolu għandu jkollhom effett għal dawk il-persuni oħrajn.

(2) (a) L-Awtorità għandha d-dmir bla ħsara tas-subartiklu (1) ta' dan l-artikolu, li tassigura li dispożizzjonijiet tal-Kodiċi dwar Reklamar u Sponsorship li hemm fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att ikunu qegħdin jitwettqu.

(b) L-Awtorità tista' minn żmien għal żmien, flimkien mal-Ministru temenda jew tissostitwixxi t-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(3) L-Awtorità tista', fit-twettiq tar-responsabbiltà tagħha ġenerali għar-reklamar u metodi ta' reklamar, timponi ħtiġiet dwar ir-reklami u l-metodi ta' reklamar li jissorpassaw il-ħtiġiet imposti mill-kodiċi taħt dan l-artikolu.

(4) Il-metodi ta' kontroll imwettqa mill-Awtorità bil-għan li tassigura li d-dispożizzjonijiet tal-kodiċi taħt dan l-artikolu jkunu qegħdin jitħaddmu sew, u bil-għan li tassigura konformità mal-ħtiġiet imposti taħt is-subartikolu (3) li jissorpassaw il-ħtiġiet tal-kodiċi, għandhom jinkludu s-setgħa li tagħti direttivi lil kull min jagħti servizzi tax-xandir f'Malta dwar il-kategoriji u deskrizzjonijiet ta' reklami u metodi ta' reklamar li għandhom jitħallew barra, jew li għandhom jitħallew barra f'ċirkostanzi partikulari, jew dwar it-tħollija barra ta' reklam partikulari, jew it-tħollija tiegħu barra f'ċirkostanzi partikulari.

(5) L-Awtorità tista' tagħti direttivi lil kull min ikun qiegħed jagħti servizzi tax-xandir f'Malta dwar il-ħin meta għandhom jitħallew isiru reklami.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (7), (8) u (9) ta' dan l-artikolu, ebda ħaġa ma għandha tkun inkluża f'xi programmi mxandra mill-Awtorità jew minn xi persuna oħra li tkun qiegħda tagħti servizzi ta' xandir f'Malta, sew f'reklam sew xort' oħra, li tiddikjara, tissuġġerixxi jew timplika (jew li raġonevolment tista' tittieħed li tiddikjara, tissuġġerixxi jew timplika) illi xi parti minn xi programm imxandar mill-Awtorità jew minn xi persuna oħra li tkun qiegħda tagħti servizzi ta' xandir f'Malta, skond il-każ, li ma jkunx reklam, tkun ingħatat jew ġiet suġġerita minn xi ħadd b'reklam; u, ħlief bħala reklam, ebda ħaġa ma għandha tkun inkluża f'xi programm imxandar mill-Awtorità jew minn xi persuna oħra li tkun qiegħda tagħti servizzi ta' xandir f'Malta, li tista' raġonevolment titqies li tkun ġiet inkluża fil-programm bi ħlas jew għal xi konsiderazzjoni oħra ta' valur lill-persuna konċernata li tkun qiegħda tagħti servizzi ta' xandir f'Malta.

(7) Ebda ħaġa fis-subartikolu (6) ma għandha tiftiehem li tipprojbixxi sponsorship, sħiħ jew f'parti, ta' xi programm partikulari jew ta' serje ta' programmi sakemm din tkun identifikata biċ-ċar bħala tali bi credits xierqa fil-bidu u/jew fi tmiem-il programm:

Iżda wkoll il-kontenut u l-iskedar ta' programmi skedati ma għandu f'ebda ċirkostanza jkun influwenzat mill-isponsor b'mod li jolqot ir-responsabbiltà u l-indipendenza editorjali ta' min ikun qiegħed ixandar għar-rigward ta' programmi:

Iżda wkoll programmi ma jistgħux jiġu sponsorjati minn persuni naturali jew ġuridiċi li l-attività prinċipali tagħhom hija l-manifattura jew il-bejgħ ta' prodotti, jew l-għoti ta' servizzi, li reklamar tagħhom huwa mod ieħor projbit:

Iżda wkoll l-isponsorship ta' aħbarijiet u programmi ta' avvenimenti korrenti ma għandux jiġi permess.

(8) Ebda ħaġa fis-subartikolu (6) ma għandha tiftiehem li tipprojbixxi li tiġi mdaħħla kull waħda mill-ħwejjeġ li ġejjin f'xi parti ta' programm imxandar mill-Awtorità jew minn xi persuna oħra li tkun qiegħda tagħti servizzi ta'xandir f'Malta, li ma jkunx reklam, jiġifieri:

(a) items maħsuba biex jagħtu pubbliċità għall-ħtiġiet jew skopijiet ta' xi assoċjazzjoni jew organizzazzjoni mmexxija għal skopijiet ta' karità jew ta' benevolenza;

(b) rivisti ta' pubblikazzjonijiet letterarji, artistiċi, jew pubblikazzjonijiet oħra jew produzzjonijiet, magħduda divertimenti kurrenti;

(ċ) items li jikkonsistu f'deskrizzjonijiet b'fatti ta' azzjonijiet, ġrajjiet, postijiet jew ħwejjeg, li jkunu items li fil-fehma ta' l-Awtorità jkunu xierqa li jiġu mdaħħla minħabba l-interess intrinsiku jew kapaċità ta' tagħlim tagħhom u ma jikkostitwux element ta' reklam mhux xieraq;

(d) tħabbir tal-post ta' xi rappreżentazzjoni inkluża fil-programm jew ta' l-isem u deskrizzjoni tal-persuni li jkollhom x'jaqsmu bħala atturi jew xort'oħra f'xi rappreżentazzjoni bħal dik, tħabbir tan-numru u deskrizzjoni ta' xi reġistrazzjoni hekk inkluża, u stqarrija dwar kull permess mogħti dwar xi rappreżentazzjoni, persuni jew reġistrazzjoni bħal dik; u

(e) dawk il-ħwejjeġ l-oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jiġu preskritti b'regolamenti magħmulin mill-Awtorità flimkien mal-Ministru.

(9) Ebda ħaġa fis-subartikolu (6) ma għandha tiftiehem li tipprojbixxi d-dħul ta' xi riklam fi programm imxandar mill-Awtorità jew minn persuna li tkun qiegħda tagħti servizzi ta' xandir f'Malta, minħabba biss fil-fatt li din ikollha x'taqsam fil-materja tagħha ma' xi parti ta' dak il-programm li ma jkunx reklam.

(10) Sakemm is-subartikolu (6) jipprojbixxi d-dħul fil-programmi (minn barra reklami) imxandra mill-Awtorità jew minn persuna li tkun qiegħda tagħti servizzi ta' xandir f'Malta, ta' xi ħaġa li tista' raġonevolment titqies li tkun ġiet inkluża fil-programm bi ħlas jew b'xi konsiderazzjoni oħra ta' valur lill-Awtorità jew lill-persuna konċernata li tkun qiegħda tagħti servizzi ta' xandir f'Malta, dak is-subartikolu ma għandux ikun igħodd għal xi programm hekk imxandar bħala parti minn servizz ta' xandir edukattiv approvat mill-Awtorità.

(11) Id-direttivi taħt dan l-artikolu jistgħu jkunu, fi kwalunkwe grad, sew

ġenerali sew speċifiċi u kwalifikati jew mhux kwalifikati u direttivi taħt is-subartikolu (4) jistgħu, b'mod partikolari, jirreferu għal –

(a) l-itwal żmien li jista' jingħata lil reklami f'xi siegħa waħda jew perijodu ieħor ta' żmien;

(b) l-inqas intervall li għandu jgħaddi bejn żewġ perijodi iddedikati għal reklami u l-għadd ta' dawk l-intervalli li għandhom jiġu permessi f'xi programm jew item fi programm jew f'xi siegħa jew f'xi jum;

(ċ) it-tħollija barra ta' reklami minn xandira speċifika, u jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet differenti għal partijiet differenti tal-jum, għal jiem differenti tal-ġimgħa, għal tipi differenti ta' programmi jew għal ċirkostanzi oħra differenti:

Iżda ma tista' tingħata ebda direttiva li tidher li ma tkunx raġonevolment ġustifikata f'soċjetà demokratika. Fl-għoti ta' dawk id-direttivi l-Awtorità għandha wkoll tkun konsapevoli ta' dawk id-dokumenti internazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' dan, u li Malta tkun parti għalihom.

(12) Ordnijiet għall-inseriment ta' reklami jistgħu jintlaqgħu minn aġenti tar-reklamar jew aġenti oħrajn jew direttament mingħand min ikun qed jirreklama, iżda l-Awtorità, operaturi tax-xandir, detenturi tal-liċenzja u kuntratturi ma għandhomx jagħmluha ta' aġenti tar-reklamar.

Kodiċi għal programmi li ma jkunux reklami.

**20.** (1) L-Awtorità għandha, flimkien mal-Ministru, tfassal, u minn żmien għal żmien tirrevedi, kodiċi li jkun ta' regolament dwar –

(a) ir-regoli li għandhom jiġu osservati dwar il-wiri ta' vjolenza, u dwar id-dħul f'xandiriet ta' smigħ ta' ħsejjes li jissuġġerixxu li hemm xi vjolenza, b'mod partikolari meta t-tfal u ż-żgħażagħ ikun wisq probabbli qegħdin jaraw jew jisimgħu dawk il-programmi; u

(b) dawk il-ħwejjeġ l-oħra li jirrigwardaw standards u prattika għal programmi mxandra mill-Awtorità jew minn kull min jipprovdi servizzi ta' xandir f'Malta, hekk kif l-Awtorità tista' tikkonsidra li jkun xieraq li jiddaħħal fil-kodiċi;

u, filwaqt li jitqies xi ħwejjeġ oħra għandhom jiddaħħlu fil-kodiċi, l-Awtorità għandha tikkonsidra b'mod speċjali dawk il-programmi li jixxandru f'ħinijiet meta t-tfal u ż-żgħażagħ jistgħu jkunu qegħdin jaraw jew jisimgħu.

(2) L-Awtorità għandha tara li d-dispożizzjonijiet tal-kodiċi taħt dan l-artikolu jiġu osservati dwar il-programmi kollha mxandra minn xi persuna li tkun qiegħda tagħti servizzi ta' xandir f'Malta.

(3) L-Awtorità tista', fit-twettiq tar-responsabbiltà ġenerali għall-programmi, timponi ħtiġiet dwar standards u prattika għal dawk il-programmi li joltrepassaw, jew li jirreferu għal ħwejjeġ li ma jaqgħux taħt id-dispożizzjonijiet tal-kodiċi taħt dan l-artikolu.

(4) Il-metodi ta' kontroll li jitwettqu mill-Awtorità bil-għan li jiġi assigurat li d-dispożizzjonijiet tal-kodiċi taħt dan l-artikolu jkunu qegħdin jiġu osservati, u għall-fini li jiġi assigurat twettiq mal-ħtiġiet imposti taħt is-subartikolu (3) li

joltrapassaw jew jirrelataw għal ħwejjeġ mhux inklużi fil-kodiċi, għandhom jinkludu s-setgħa li jingħataw direttivi lil kull min jipprovdi servizzi ta' xandir f'Malta li jimponu projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet dwar items ta' klassi speċifika jew deskrizzjoni speċifika jew dwar item partikolari.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artiklolu ma għandhomx japplikaw għal reklami li jaqgħu taħt il-Kodiċi dwar Reklamar u Sponsorship imsemmi fl-artikolu 19 ta' dan l-Att.

Kodiċi għal transmissjonijiet teletext

**21.** (1) Bil-mod kif u meta l-Awtorità tqis li jkun meħtieġ jew spedjenti, hija-

(a) tista', flimkien mal-Ministru, tfassal u, minn żmien għal żmien tirrevedi, kodiċi li jkun ta' regolament dwar dawk il-ħwejjeġ li jirregwardaw standards u prattika għal trasmissjonijiet teletext (magħduda reklami) imxandra mill-Awtorità jew minn kull min jagħti servizzi ta' xandir f'Malta, hekk kif l-Awtorità tista' tqis li jkun xieraq biex jiddaħħal fil-Kodiċi; u

(b) għandha tassigura li d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi jiġu osservati dwar kull trasmissjoni teletext imxandra minnha jew minn kull persuna oħra li tagħti servizzi ta' xandir f'Malta.

(2) L-Awtorità tista', fit-twettiq tar-responsabiltà ġenerali tagħha, timmonitorja u tissorvelja s-servizzi kollha ta' xandir mogħtija f'Malta, timponi ħtiġiet dwar standards u prattika għal trasmissjonijiet teletext imxandra minnha jew minn kull min jagħti servizzi ta' xandir f'Malta, li joltrepassaw jew jirreferu għal ħwejjeġ li ma jaqgħux taħt id-dispożizzjonijiet tal-kodiċi.

(3) Il-metodi ta' kontroll imwettqa mill-Awtorità –

(a) għall-fini li tassigura li d-dispożizzjonijiet tal-kodiċi jiġu osservati; u

(b) għall-fini li tassigura konformità mal-ħtiġiet imposti taħt is-subartikolu

(2) li joltrepassaw jew jirreferu għal ħwejjeġ li ma jaqgħux taħt il-kodiċi, għandhom jinkludu s-setgħa li jingħataw direttivi lil kull min jagħti servizzi ta' teletext bit-tqegħid ta' projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet dwar items ta' klassi speċifika jew deskrizzjoni speċifika jew dwar item partikolari:

Projbizzjoni ta' ċerti sistemi

**22.** (1) Ikun id-dmir ta' l-Awtorità li tissodisfa ruħha li l-programmi mxandra mill-Awtorità jew minn kull min jipprovdi servizzi ta' xandir f'Malta ma jinkludux, sew f'xi reklam jew mod ieħor, xi sistema teknika li, bl-użu ta' immaġini għal żmien qasir ħafna jew b'kull mezz ieħor, tesplojta l-possibbilità li twassal messaġġ lil, jew mod ieħor tinfluwixxi l-imħuħ ta', membri ta' udjenza mingħajr ma huma stess jindunaw, jew jindunaw bis-sħiħ, b'dak li jkun ġara.

(2) Huwa projbit ix-xandir ta' messaġġi bil-code.

## Taqsima VI
## **Skedi ta' Programmi**

Sottomissjoni għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità

**23.** (1) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att, u b'żieda mas-setgħat kollha vestiti fl-Awtorità bis-saħħa ta' dak l-artikolu, fil-każ ta' programmi li ma jkunux reklami, fit-twettiq ta' dmirijietha taħt l-artikolu 20 ta' dan l-Att, dwar xandiriet sew tat-televiżjoni u tas-smigħ, l-Awtorità għandha teżamina l-iskedi ta' programmi li jiġu mogħtija lilha mill-persuni kollha li jagħtu servizzi ta' xandir f'Malta, u għal dak il-għan kull min ikun qiegħed jagħti dawk is-servizzi f'Malta għandu jgħaddi dawk l-iskedi ta' programmi lill-Awtorità f'dawk il-perijodi u żminijiet li l-Awtorità tista' tordna:

Iżda, ħlief għal dan is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-klassijiet kollha ta' servizzi tar-radju, ħlief għal dawk provduti bħala parti mis-servizzi pubbliċi tax-xandir, għandhom ikunu eżentati mill-ħtiġiet tas-subartikoli l-oħra kollha ta' dan l-artikolu:

Iżda wkoll l-Awtorità tista' teżenta l-klassijiet kollha ta' servizzi tax-xandir jew xi uħud minnhom minn ħtiġiet ta' dan l-artikolu.

(2) Bla ħsara għas-subartikoli (1) u (6) ta' dan l-artikolu, ebda persuna li tagħti servizzi ta' xandir f'Malta ma tista' tittrasmetti xi programm ħlief jekk dan ikun jagħmel parti minn skeda ta' programmi approvata bil-miktub, bil-quddiem, mill-Awtorità, skond dan l-artikolu.

(3) Skeda ta' programmi –

(a) għandha titfassal b'konsultazzjoni ma' l-Awtorità, u

(b) għandha tkun għal perijodu li jiġi stabbilit mill-Awtorità;

u l-Awtorità tista' tagħti lil min jagħti servizzi ta' xandir f'Malta dawk id-direttivi li jistgħu jidhru spedjenti lill-Awtorità bil-għan li jiġi assigurat li l-Awtorità jkollha żmien biżżejjed li twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha filwaqt li tkun qiegħda tikkonsidra l-iskedi tal-programmi.

(4) L-Awtorità tista' tagħti direttivi li jistgħu jkunu, f'kull grad, sew ġeneriċi jew speċifiċi u kwalifikati jew mhux kwalifikati –

(a) dwar l-esklużjoni ta' xi item minn skeda ta' programmi;

(b) dwar id-dħul fi skeda ta' programmi, jew f'parti partikolari tagħha, ta' item jew items ta' kategorija partikulari; jew

(ċ) dwar id-dħul f'parti partikulari ta' skeda ta' programmi ta' item partikulari;

u l-Awtorità ma għandhiex tapprova skeda ta' programmi sakemm din tkun sodisfatta li l-iskeda tkun konformi ma' kull direttiva mogħtija taħt dan l-artikolu.

(5) Mingħajr preġudizzju għas-setgħa ta' l-Awtorità li tapprova għall-

finijiet ta' dan l-artikolu verżjoni riveduta jew emendata ta' skeda ta' programmi li tkun qabel ġiet approvata minnha, l-Awtorità tista', jekk ikun jidhrilha xieraq li hekk tagħmel minħabba f'xi bidla fiċ-ċirkostanzi li tiġri wara li skeda ta' programmi tkun ġiet approvata minnha, tippermetti lil persuna li tkun qiegħda tagħti servizzi ta' xandir f'Malta li tagħmel dawk it-tibdiliet f'dik l-iskeda tal-programmi li l-Awtorità tista' tapprova, li jkunu tibdiliet lilha proposti b'mod konvenjenti; u skeda ta' programmi li fiha jkunu saru tibdiliet bis-saħħa ta' dan is-subartikolu għandha, kif hekk mibdula, titqies bħallikieku approvata mill-Awtorità skond dan l-artikolu.

(6) L-Awtorità tista' tagħti direttivi li jistgħu jkunu, f'kull grad, sew ġeneriċi jew speċifiċi u kondizzjonali jew inkondizzjonali, li jkunu jawtorizzaw l-egħmil ta' tibdiliet f'kull skeda ta' programmi approvata mingħajr ma ssir riferenza bil-quddiem lill-Awtorità –

(a) meta jkun diffiċli jew sprattiku għal min ikun qiegħed jagħti s-servizzi ta' xandir f'Malta li jikkomunika ma' l-Awtorità fiż-żmien disponibbli, jew

(b) fil-każ ta' qtugħ tekniku;

u l-programmi li jinsabu fi skeda ta' programmi li fiha jsiru tibdiliet bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jistgħu jixxandru mill-persuna konċernata li tkun qed tagħti servizzi ta' xandir f'Malta minkejja dawk it-tibdiliet.

(7) L-approvazzjoni ta' l-Awtorità taħt dan l-artikolu tista' tingħata bla ħsara għal dawk l-eċċezzjonijiet, riservi u kwalifiki li l-Awtorità tqis xierqa; u l-Awtorità tista' f'kull żmien titlob għal iktar partikularitajiet dwar skeda ta' programmi lilha mogħtija, jew ta' kull item fl-iskeda tal-programmi.

## TAQSIMA VII
## Dispożizzjonijiet Finanzjarji

**24.** (1) (a) Id-dħul ta' l-Awtorità jkun jikkonsisti fi – Dħul ta' l-Awtorità

(i) dawk is-somom li l-Parlament jista' kull sena jistabbilixxi li għandhom jitħallsu lill-Awtorità;

(ii) tletin fil-mija, jew perċentwali ta' mhux inqas minn ħmistax fil-mija u mhux iżjed minn ħamsin fil-mija li jistgħu jiġu stabbiliti b'regolamenti mill-Prim Ministru wara li jikkonsulta ruħu mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tad-dħul li l-Gvern jiġbor mil-liċenzji ta' apparat mingħajr fili u tat-televiżjoni wara li jitnaqqas persentaġġ għar-rigward ta' nefqa raġonevoli li tkun saret għall-ġbir ta' dak l-ammont;

(iii) id-dħul li l-Awtorità tiġbor minn liċenzji tax-xandir, kif provdut fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' dan l-Att; u

(iv) dawk l-ammonti li jistgħu minn żmien għal żmien jitħallsu lill-Awtorità minn kuntrattur tax-xandir jew operatur tal-fili jew mezz ieħor kif provdut fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 14 u s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att.

(b) L-ammont li jitħallas lill-Awtorità skond il-paragrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu ma għandux ikun ta' inqas minn mitejn u ħamsin elf lira fis-sena, u kull somma li titħallas lill-Awtorità bis-saħħa tal-paragrafi msemmija għandha tkun addebitata lill-Fond Konsolidat.

(2) Is-subartikolu (1) għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni.

Ħlasijiet lill-Awtorità

**25.** (1) Id-dħul ta' l-Awtorità jista' jintuża għall-ħlas ta' –

(a) rimunerazzjoni, allowances, salarji, pagi, kontribuzzjonijiet speċjali, gratuities, pensjonijiet u nfiq rikorrenti; u

(b) l-ispejjeż l-oħra kollha li l-Awtorità tista' b'mod normali ġġarrab li għandhom x'jaqsmu mat-twettiq tal-funzjonijiet ta' l-Awtorità taħt dan l-Att.

(2) Ebda nefqa ma għandha ssir jew tiġġarrab mill-Awtorità jekk din ma tkunx bilanċjata bid-dħul li tagħmel l-istess Awtorità, ħlief kif jista' jkun meħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni.

(3) Kull eċċess tad-dħul ta' l-Awtorità għal kull sena finanzjarja fuq l-ammonti totali li l-Awtorità taddebita fuq il-kont tad-dħul għal dik is-sena għandu jiġi applikat mill-Awtorità wara li titqies ix-xewqa li dawk il-flus jiġu applikati għal iktar titjib u għall-estensjoni ta' servizzi tax-xandir f'Malta, b'dak il-mod li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi u ma' l-Awtorità, jista' jordna.

(4) Kull direttiva li tingħata taħt is-subartikolu li jiġi minnufih qabel dan tista' teħtieġ li eċċess sħiħ bħal dak jew parti minnu kif msemmi qabel għandu jitħallas lill-Fond Konsolidat.

Investiment ta' fondi

**26.** Kull flejjes ta' l-Awtorità li ma jkunux meħtieġa minnufih li jintefqu għall-fidwa ta' obbligazzjonijiet jew għat-twettiq ta' xi funzjonijiet ta' l-Awtorità jistgħu jiġu investiti minn żmien għal żmien ġewwa fond ta' riżerva li jiġi stabbilit mill-Awtorità.

Estimi ta' l-Awtorità

**27.** (1) L-Awtorità għandha tara li f'kull sena finanzjarja jitħejjew, u għandha mhux aktar tard minn tmien ġimgħat qabel tmiem kull sena bħal dik tadotta, estimi tad-dħul u nfiq ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li jmiss wara.

(2) L-estimi għandhom isiru f'dik l-għamla u jkollhom dak it-tagħrif u dawk il-paraguni ma' snin ta' qabel li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' jeħtieġ.

(3) Kopja ta' l-estimi ta' l-Awtorità għandha, hekk kif l-estimi jiġu adottati mill-Awtorità, tintbagħat minnufih mill-Awtorità lill-Prim Ministru.

(4) Il-Prim Ministru għandu, ma' l-ewwel opportunità li jkollu, u mhux iżjed tard minn l-ewwel seduta tal-Kamra tad-Deputati wara sitt ġimgħat minn meta tiġi rċevuta kopja ta' l-estimi ta' l-Awtorità, jara li dawk l-estimi jitqiegħdu quddiem il-Kamra tad-Deputati.

(5) L-estimi ta' l-Awtorità għandhom, hekk kif ikun prattikabbli, jiġu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.

(6) Id-dmirijiet imposti fis-subartikolu (1) sa (5) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni.

**28.** (1) L-Awtorità għandha tara li jinżammu kontijiet u dokumenti oħra sew dwar il-funzjonijiet tagħha u għandha tħejji dwar kull sena finanzjarja dikjarazzjoni ta' kontijiet f'dik l-għamla li l-Prim Ministru jista' jordna, li tkun għamla li tikkonforma ma' l-aħjar standards ta' kontijiet. Kontijiet u Verifika

(2) Il-kontijiet ta' l-Awtorità għandhom jiġu verifikati minn awditur jew awdituri li jinħatru minnha u jiġu approvati mill-Prim Ministru:

Iżda l-Prim Ministru jista' jeħtieġ li l-kotba u l-kontijiet ta' l-Awtorità għandhom jiġu verifikati jew eżaminati mid-Direttur tal-Verifika li għandu għal dan il-għan ikollu setgħa li jagħmel dak il-verifikar fiżiku u verifiki oħra li jista' jqis meħtieġa.

(3) Qabel tmiem kull sena finanzjarja, il-Prim Ministru għandu jara li titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, flimkien ma' l-estimi msemmija fl-artikolu 27 ta' dan l-Att, kopja tad-dikjarazzjoni ta' kontijiet u kull rapport finanzjarju dwar is-sena sħiħa li tkun ġiet minnufih qabel.

**29.** (1) Il-flejjes kollha ta' l-Awtorità li jinġabru minn operazzjonijiet li jsiru taħt dan l-Att għandhom jitqiegħdu ġewwa bank jew banek maħturin b'riżoluzzjoni ta' l-Awtorità u approvati mill-Prim Ministru. Dawk il-flejjes għandhom, kemm jista' jkun, jitqiegħdu fil-bank minn jum għall-ieħor, ħlief dik is-somma li l-Awtorità tista' tawtorizza li tinżamm għall-ħlas ta' ammonti żgħar u ħlasijiet ta' malajr. Depożiti ta' flus u pagamenti

(2) Il-pagamenti kollha li jsiru mill-fondi ta' l-Awtorità għandhom isiru minn dak l-uffiċjal jew uffiċjali ta' l-Awtorità li l-istess Awtorità taħtar jew tinkariga għal dak il-għan.

(3) Ic-cheques ta' bank jew żbanki minn kont bankarju ta' l-Awtorità għandhom jiġu iffirmati minn dak l-uffiċjal ta' l-Awtorità li jista' jiġi inkarigat mill-Awtorità għal dak il-għan u għandhom ikunu iffirmati wkoll miċ-Chairman jew dak il-membru ieħor ta' l-Awtorità jew uffiċjal ieħor ta' l-Awtorità li jistgħu jiġu awtorizzati mill-Awtorità għal dak il-għan.

**30.** (1) L-Awtorità għandha, mhux iżjed tard minn tmiem Marzu ta' kull sena, tagħmel rapport u tgħaddih lill-Prim Ministru li jkun jittratta b'mod ġenerali dwar l-attivitajiet ta' l-Awtorità matul is-sena finanzjarja ta' qabel u dwar il-pjanijiet tagħha għas-snin sussegwenti. Il-Prim Ministru għandu kemm jista' jkun malajr iqiegħed kopja ta' dak ir-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra. Rapport Annwali

(2) Ir-rapport imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jinkludi r-riżultati ta' riċerka indipendenti li ssir fost l-udjenza li tkun taċċerta:

(a) il-qagħda ta' l-għadd ta' persuni li jisimgħu jew jaraw is-servizzi tax-xandir mogħtija f'Malta;

(b) il-qagħda ta' l-opinjoni pubblika rigward programmi mdaħħla f'servizzi tax-xandir mogħtija f'Malta;

(ċ) l-effetti ta' dawk il-programmi fuq l-attitudnijiet jew l-imġieba ta' dawk il-persuni li jsegwu dawk il-programmi; u

(d) it-tipi ta' programmi li membri tal-pubbliku jkunu jixtieqù li jiddaħħlu fis-servizzi tax-xandir mogħtija f'Malta.

(3) Ir-rapport imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu, fl-istess format jew wieħed differenti hekk kif l-Awtorità tista' tqis li jkun meħtieġ, jiġi pubblikat u jinħareg għall-pubbliku in ġenerali, bi prezz raġonevoli, sa tmiem Ġunju ta' kull sena.

## TAQSIMA VIII
## Kuntratti u Setgħa ta' Akkwist jew Tneħħija ta' Proprjetà

Kuntratti ta' provvista jew xogħlijiet

**31.** Ħlief bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru mogħtija għal raġunijiet speċjali, l-Awtorità ma għandhiex tagħmel kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjal jew għat-twettiq ta' xogħlijiet li jitqies mill-Awtorità li jeċċedi l-valur ta' tlett elef lira, jew dik is-somma l-oħra li l-Prim Ministru b'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, sakemm ma jkunx ġie pubblikat avviż tal-ħsieb ta' l-Awtorità li tagħmel il-kuntratt u jkunu nħarġu tenders kompetittivi.

Setgħa ta' akkwist jew tneħħija ta' proprjetà

**32.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu li jiġi minnufih qabel dan, l-Awtorità tista', għall-fini tat-twettiq dovut u effiċjenti tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att –

(a) tixtri jew mod ieħor takkwista u żżomm kull proprjetà immobbli u tiddisponi minn kull proprjetà bħal dik; u

(b) tixtri jew mod ieħor takkwista u żżomm kull artijiet jew propjetà immobbli oħra jew interess fiha u tieħu dik il-proprjetà b'kiri jew b'kull titlu li jkun.

(2) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Prim Ministru, tittrasferixxi kull artijiet jew proprjetà immobbli oħra jew kull interess fihom, ikun kif ikun il-mod ta' akkwist mill-Awtorità, u tista' wkoll, bil-kunsens tal-Prim Ministru, tikkonċedi kirja ta' dawk l-artijiet jew proprjetà għal kull perijodu.

## TAQSIMA IX
## Dispożizzjonijiet Mixxellanji

Kumitati Konsultattivi

**33.** L-Awtorità tista' taħtar jew tinkariga kull organu bħala kumitat konsultattiv biex jagħti parir lill-Awtorità u lil kull min jagħti servizzi ta' xandir f'Malta, fuq ħwejjeġ ta' tagħlim u reliġjużi, fuq livell ta' kondotta fir-reklamar ta' oġġetti jew servizzi, u fuq dawk il-ħwejjeġ l-oħra li l-Awtorità tista' tiddeċidi.

**34.** (1) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet l-oħra kollha tagħha skond il-Kostituzzjoni u dan l-Att, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħa u d-dmir li tqis ilmenti dwar –

Trattament inġust jew żbilanċat jew ksur ta' privatezza

(a) trattament inġust jew mhux xieraq fi programmi ta' smigħ jew televiżivi mxandra minn kull min jagħti servizzi ta' xandir f'Malta;

(b) ksur mhux ġustifikat ta' privatezza fi, jew b'mod li għandu x'jaqsam mal-ksib ta' materjal imdaħħal fi, programmi ta' smigħ jew televiżivi hekk imxandra.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-ilmenti għandhom isiru bil-miktub mill-persuna milquta jew minn persuna awtorizzata minnha sabiex tressaq l-ilment f'isimha.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu –

"il-persuna milquta" –

(a) dwar trattament inġust jew żbilanċat kif imsemmi fis-subartikolu (1), tfisser parteċipant fil-programm in kwistjoni li kien is-suġġett ta' dak it-trattament jew persuna li, sew jekk tkun parteċipanti bħal dak jew le, kellha interess dirett fis-suġġett innifsu ta' dak it-trattament;

(b) dwar dak il-ksur mhux ġustifikat ta' privatezza kif hekk imsemmi, tfisser persuna li kellha l-privatezza tagħha miksura;

u

"trattament inġust jew żbilanċat" tinkludi trattament li hu inġust jew żbilanċat minħabba fil-mod kif il-materjal imdaħħal fi programm ikun intgħażel jew ġie irranġat.

**35.** (1) L-Awtorità tista', flimkien mal-Ministru u ma' l-Ministru responsabbli għat-Telegrafija mingħajr Fili, tagħmel regolamenti, mhux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, sabiex jippreskrivu –

Setgħa ta' għemil ta' regolamenti

(a) il-metodu ta' applikazzjoni, magħdudin il-formuli li għandhom jintużaw meta ssir applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xandir;

(b) it-tagħrif ta' xorta teknika jew mod ieħor li għandha tingħata flimkien ma' kull applikazzjoni;

(ċ) il-kundizzjonijiet li taħthom tista' tinħareġ liċenzja tax-xandir, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom tista' tiġi emendata, mibdula, sospiża jew revokata;

(d) il-kundizzjonijiet li taħthom kull stallazzjoni, apparat jew proprjetà oħra ta' detentur ta' liċenzja tax-xandir, għandhom jiġu stallati, maħdumin, operati, miżmumin, protetti, kontrollati jew b'xi mod salvagwardati u l-projbizzjoni ta' l-użu ta' stallazzjoni, apparat jew tagħmir perikoluż;

(e) kull tariffa ta' prezzijiet, drittijiet u ħlasijiet li jistgħu jew huma meħtieġa li jiġu preskritti minn jew taħt id-dispożizzjonijiet magħmulin

taħtha u ż-żmien, lok u mod għall-ħlas ta' dawk il-prezzijiet, drittijiet u ħlasijiet u l-mod ta' ġbir u tneħħija tagħhom;

(f) il-perijodu li matulu liċenzja tax-xandir tibqa' valida;

(ġ) il-kundizzjonijiet li taħthom persuni li jkollhom liċenzja tax-xandir taħt dan l-Att għandhom iħaddmu servizzi tax-xandir ;

(h) il-kwalifiki li persuni għandu jkollhom qabel ma jkunu jistgħu jiġu fdati bil-bini, tiswija, tibdil jew kontroll ta' xi apparat jew stallazzjoni li għandu jintuża minn xi kuntrattur jew detentur ta' liċenzja tax-xandir, u x-xorta ta' tests li għandhom isiru sabiex jiġi aċċertat jekk persuni jkollhomx dawk il-kwalifiki;

(i) mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 35 ta' dan l-Att, dawk il-kundizzjonijiet tekniċi li taħthom liċenzja tax-xandir tista' tinħareġ, u l-metodu ta' verifika ta' dawk il-kundizzjonijiet, magħdudin in partikolari l-karatteristiċi tas-sinjali mibgħutin u tat-tagħmir tax-xandir użat, il-lok tat-trasmissjoni, l-ogħla livell ta' qawwa radjata effettiva u protezzjoni kontra interferenza potenzjali ma' attivitajiet oħra ta' telekomunikazzjoni;

(j) il-miżuri li għandhom jittieħdu u t-tagħmir li għandu jiġi provvist u użat f'dak li għandu x'jaqsam ma' stallazzjonijiet sabiex jassiguraw is-sigurezza pubblika u s-sigurezza privata;

(k) il-mezzi li għandhom jiġu adottati, sew bi projbizzjoni jew mod ieħor, sabiex jipprevjenu jew inaqqsu xi periklu, ħsara jew għelt li jista' jkun hemm jew li jkun hemm mit-tħaddim ta' xi stallazzjonijiet jew apparat użati minn kuntrattur jew detenturi ta' liċenzji tax-xandir.

(l) kull ħaġa oħra li tista' tkun jew tenħtieġ li tiġi preskritta b'dan l-Att;

u

(m) kull ħaġa oħra li tista' tidher lill-Awtorità bħala meħtieġa jew spedjenti għall-aħjar twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att sabiex jassiguraw is-sigurezza tal-pubbliku, jew sabiex jagħtu seħħ lil, u jassiguraw konformità ma', xi jew kull direttiva jew kodiċi li jistgħu jinħarġu mill-Awtorità bis-saħħa ta' dan l-Att, jew b'mod ġenerali sabiex jassiguraw servizzi tax-xandir xierqa jew il-monitoring u sorveljar ta' dawk is-servizzi f'Malta.

(2) Sakemm isiru regolamenti skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu r-Raba' Skeda ta' dan l-Att għandha tirregola l-ħwejjeġ li dwarhom jistgħu jsiru regolamenti skond l-istess subartikolu.

Setgħat tal- President

**36.** (1) Il-Prim Ministru jista', jekk ikun hekk jidhirlu li jkun meħtieġ jew spedjenti li jagħmel hekk, jagħti parir lill-President sabiex jeħtieġ lill-Awtorità b'avviż bil-miktub biex ixxandar u/jew tara li jixxandar minn persuna li tagħti servizzi tax-xandir f'Malta, mingħajr ħlas, u f'dawk iż-żminijiet li jistgħu jiġu speċifikati fl-avviż, kull tħabbira jew materjal ieħor hekk speċifikat, b'immaġini viżivi jew mingħajrhom ta' kull stampa, xena jew oġġett imsemmija f'dik it-tħabbira jew materjal ieħor, u jkun id-dmir ta' l-Awtorità u ta' kull min jagħti

servizzi tax-xandir li jikkonformaw ruħhom ma' kull avviż bħal dak.

(2) Meta l-Awtorità, jew persuna li tagħti servizzi tax-xandir f'Malta, tippubblika xi tħabbira jew materjal ieħor b'riżultat ta' avviż taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, hija tista' tħabbar li tkun qiegħda tagħmel hekk b'riżultat ta' dik id-direttiva.

(3) Il-Prim Ministru jista', jekk ikun hekk jidhirlu li jkun meħtieġ jew spedjenti li jagħmel hekk, jagħti parir lill-President sabiex jeħtieġ lill-Awtorità b'avviż bil-miktub biex jara li ma jixxandarx xi materjal jew klassi ta' materjal speċifikati fl-avviż, u jkun id-dmir ta' l-Awtorità u ta' kull min jagħti servizz tax-xandir li jikkonformaw ruħhom ma' kull avviż bħal dak.

(4) Il-Prim Ministru jista', jekk ikun hekk jidhirlu li jkun meħtieġ jew spedjenti li jagħmel hekk, jagħti parir lill-President sabiex jagħti direttivi lill-Awtorità b'avviż bil-miktub dwar l-itwal ħin, l-inqas ħin, jew sew l-itwal sew l-inqas ħin, li għandu jingħata ta' kuljum lil xandiriet minn stazzjon tax-xandir tas-smigħ jew tat-televiżjoni, u dwar is-sigħat tal-jum li fihom dawk ix-xandiriet għandhom jew ma għandhomx jingħataw, u jkun id-dmir ta' l-Awtorità u ta' kull min jagħti servizz tax-xandir li jikkonformaw ruħhom ma' kull avviż bħal dak.

(5) Id-dmirijiet imposti mill-Awtorità b'dan l-artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni.

(6) Is-setgħat tal-President skond dan l-artikolu jistgħu biss jitwettqu sakemm dawn ikunu raġonevolment ġustifikati f'soċjetà demokratika.

**37.** Il-Prim Ministru jista', b'avviż bil-miktub, jagħti direttivi lill-Awtorità biex tikkonforma ruħha, permezz ta' regolamenti u direttivi magħmulin jew maħruġin skond dan l-Att, ma' kull obbligu internazzjonali ta' Malta. Obbligi internazzjonali

**38.** (1) Kull min jikser xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' kull regolament jew direttiva magħmulin jew mogħtijin taħthom, jew jonqos li jikkonforma ruħu ma' xi kundizzjonijiet imposti f'xi liċenzja mogħtija b'dan l-Att, jew jonqos milli jaġixxi b'mod konformi ma' xi liċenzja bħal dik jew xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew regolament jew direttiva magħmulin jew mogħtijin taħthom, ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att u jista' jeħel meta jinstab ħati piena ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt xhur u multa ta' mhux iżjed minn ħamset elef lira jew dik il-multa u priġunerija flimkien: Reati u pieni

Iżda fil-każ li wieħed jerġa' jinstab ħati għat-tieni darba, il-piena ma għandhiex tkun inqas minn multa ta' elf lira, u fil-każ li wieħed jinstab ħati għat-tielet darba jew iktar drabi, il-piena ma għandhiex tkun inqas minn multa ta' ħamest elef lira:

Iżda wkoll fil-każ ta' reat kontinwat il-ħati għandu b'żieda jiġi kundannat multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn mitt lira għal kull jum li matulu r-reat kien kompla.

(2) Ikun id-dmir ta' kull min għandu bi proprjetà jew fil-pussess tiegħu xi tagħmir jew xi oġġett ieħor mobbli li jkun li jista' jintuża għall-finijiet tax-xandir, li jassigura f'kull żmien li dak it-tagħmir ma jintużax biex issir xi xandira bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u mingħajr preġudizzju għad-

dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra li tirrigwarda t-teħid, kull tagħmir jew oġġetti mobbli oħra li jkunu, sew ta' l-istess xorta sew jekk le, miżmuma u użati għal, jew in konnessjoni ma' l-għoti ta' servizzi tax-xandir bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew f'li ssir xi xandira bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, għandu jittieħed sabiex jingħata lill-Gvern, u dak it-teħid għandu jiġi ordnat mill-Qorti f'kull każ u sew jekk dak it-tagħmir jew oġġett huma proprjetà ta', jew ikunu qiegħdin jinżammu jew jiġu użati mill-persuna li tinsab ħatja jew huwa proprjetà ta', jew ikunu qegħdin jinżammu jew jiġu użati minn, kull persuna oħra li tkun, u sew jekk le.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kuntratt tax-xandir kif imsemmi fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att għandu jitqies li jkun liċenzja mogħtija taħt dan l-Att.

(4) Meta reat kontra dan l-Att isir minn korp magħqud, kull min fiż-żmien li jsir ir-reat kien direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor bħal dak tal-korp magħqud, jew kien qed jagħti wieħed x'jifhem li kien qed iwettaq dik il-kariga, għandu jitqies li jkun ħati ta' dak ir-reat, ħlief jekk jipprova li r-reat kien sar mingħajr il-kunsens jew konnivenza tiegħu u li kemm seta' aġixxa b'mod diliġenti biex jipprevjeni li jsir ir-reat hekk kif kellu jaġixxi meta wieħed iqis ix-xorta tal-funzjonijiet tiegħu f'dik il-kariga u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Eżenzjonijiet

**39.** (1) Ebda taxxa ma għandha titħallas mill-Awtorità dwar kull att, kitba jew stampat li dwarhom, li ma kienx għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kien ikollha titħallas taxxa mill-Awtorità skond l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti. Kap. 294

Kap. 123 (2) L-income ta' l-Awtorità jkun ħieles mill-ħlas tat-taxxa skond l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income.

(3) L-Awtorità u kull kuntrattur tax-xandir ma jkollhomx bżonn jiksbu liċenzja biex ixandru skond l-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili jew liċenzja biex jittrasmettu skond l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta. Kap. 49 Kap. 250

(4) Salvi d-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' dan l-Att, is-subartikoli (1) u (4) ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att ma għandhomx jolqtu –

(a) il-provvediment ta' xi servizz tax-xandir ta' smigħ jew televiżjoni mill-Gvern jew minn xi persuna, korp jew awtorità b'liċenzja mill-Gvern jew skond arranġamenti mal-Gvern; jew

(b) il-ħdim ta' liċenzja biex jingħata servizz ta' xandir mogħti qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, u Att dwar l-Istampa Kap. 196 Kap. 248

**40.** (1) Minkejja kull ħaġa li jista' jkun hemm fl-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur u fl-Att dwar l-Istampa, ir-ritrasmissjoni li ssir permezz ta' sistema bil-fili ma tfissirx xandir, xandir mill-ġdid jew komunikazzjoni lill-pubbliku.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "ritrasmissjoni" tfisser it-trasmissjoni simultanja, irrispettivament mill-mezzi tekniċi użati, ta' servizzi ta' programmi, jew parti minnhom, tar-radju jew televiżivi sħaħ u mhux mittiefsa trasmessi b'mod terrestri minn stazzjon tax-xandir li ma jkunx jaqa' taħt il-kontroll tal-operatur tal-fili, sew jekk dan l-istazzjon ikun jinsab Malta jew barra minn Malta u maħsub għall-pubbliku in ġenerali

(3) Ritrasmissjoni li ssir skond is-subartikolu (2) ma għandha f'ebda ċirkustanzi tikkostitwixxi ksur ta' xi wieħed mid-drittijiet mgħoddijin jew mogħtijin

lis-sidien ta' drittijiet ta' l-awtur jew taħt l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur:

Iżda dan is-subartikolu ma japplikax għar-ritrasmissjoni ta' xandira trasmessa bis-satellita u ritrasmessa mingħajr il-kunsens ta' min ikun xandarha fl-ewwel lok.

(4) Kliem u frażijiet użati f'dan l-artikolu u mfissra fl-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur jew fl-Att dwar l-Istampa għandu jkollhom it-tifsir mogħti lilhom fl-Att imsemmi li jkun.

**41.** Il-Kodiċi Kriminali għandu jiġi emendat kif ġej – Emendi fil-Kodiċi Kriminali Kap. 9

(1) minnufih wara l-artikolu 298 tiegħu għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli li ġejjin:

"Dħul b'qerq f'sistemi ta' telekomunikazzjoni 298A . Kull min jibni, jibdel, jagħmel, jippossjedi, ibiegħ jew jixtri xi apparat li bih ikun jista' jikkonnetti kontra l-liġi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni għandu, meta jinsab ħati, jeħel

(a) meta r-reat isir għal qligħ jew bi skop ta' kummerċ, priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux iżjed minn elfejn lira jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

(b) fil-każi l-oħra kollha, multa ta' mhux iżjed minn elf lira.

Ksur ta' drittijiet ta' l-awtur 298 B. (1) Kull min, għal qligħ, jew bi skop ta' kummerċ, jistampa, jimmanifattura, jidduplika jew mod ieħor jirriproduċi jew jikkopja, jew ibiegħ, iqassam, jew mod ieħor joffri għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn elf lira, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Proċedimenti taħt dan l-artikolu ma jistgħux jittieħdu ħlief bil-kwerela tal-parti offiża.

(3)Dan l-artikolu għandu jiġi fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1995.";

(2) fl-artikolu 299 tiegħu minflok il-kliem "ta' l-aħħar artikolu qabel dan" għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-artikolu 298"; u

(3) fl-artikolu 326 tiegħu –

(a) minnufih wara l-paragrafu (f) fis-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied dan il-parargrafu ġdid (ġ) li ġej:

" (ġ) jaqta', ikisser, iwaqqa', jiddistruġġi, jagħmel ħsara, ineħħi, ibagħbas jew jikkonnetti ma' xi parti ta' apparat, duct, arblu, cabinet, fil, cable jew oġġett jew ħaġa li jkunu, li jagħmlu sehem minn, jew li jintużaw jew iservu fin-network ta' cable television jew fit-tħaddim tiegħu jew għall-għoti tas-servizz ta' cable television, "; u

(b)minnufih wara l-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid (ċ) li ġej:

"(ċ) jagħmel xi ħaġa msemmija fil-paragrafu (ġ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu,".

Emenda fl-Ordinanza dwar Impjanti tas-Sistemi ta' Komunikazzjoni ta' l-Elettriku u tat-Telegrafu Kap. 81

**42.** Minnufih wara l-paragrafu (b) fit-tifsira ta' "awtorità" fl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar Impjanti tas-Sistemi ta' Komunikazzjoni ta' l-Elettriku u tat-Telegrafu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) fil-każ ta' xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu ma' xi servizz ta' cable television jew ta' radju, dak il-Cable Operator jew Cable Operators li kienu jiġu inkarigati mill-Gvern biex jagħtu dak is-servizz;".

Emenda fl-Att dwar l-Istampa Kap. 248

**43.** Minnufih wara l-artikolu 41 ta' l-Att dwar l-Istampa, għandha tiżdied din it-taqsima ġdida li ġejja:

"TAQSIMA IV A

**Stazzjonijiet tax-Xandir**

Edituri ta' stazzjonijiet tax-xandir

41A. Kull stazzjon tax-xandir f'Malta għandu jaħtar persuna li jkollha l-kwalifiki elenkati fl-artikolu 34 sabiex ikun l-Editur ta', u jkun bħala editur responsabbli għal, dak l-istazzjon tax-xandir.

Applikabilità ta' l-artikoli 35, 36, 38, 39 u 40

41B. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 35, 36, 38, 39 u 40 ta' dan l-Att għandhom mutatis mutandis japplikaw għal edituri ta' stazzjonijiet tax-xandir u għal stazzjonijiet tax-xandir hekk kif japplikaw għal edituri ta' gazzetti u għal gazzetti rispettivament.

Dmirijiet ta' Edituri

41C. L-Edituri ta' stazzjonijiet tax-xandir għandu jkollhom l-istess dmirijiet u obbligi taħt dan l-Att kif inhuma bl-istess Att imposti fuq Edituri ta' gazzetti.

Tifsir

41D. Għall-fini ta' din it-Taqsima, il-kliem "stazzjon tax-xandir" għandu jkollhom l-istess tifsir bħalma hu mogħti lilhom fl-Att ta' l-1991 dwar ix-Xandir.".

Tħassir ta' l-Ordinanza dwar ix-Xandir Kap. 165

**44.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-Ordinanza dwar ix-Xandir hija b'dan imħassra.

(2) It-tħassir ta' l-Ordinanza msemmija qabel għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull ħaġa magħmula jew imħollija barra milli ssir taħt l-Ordinanza msemmija u b'mod partikulari ma għandhiex tolqot il-validità ta' kull skema ta' taħditiet politiċi jew programmi oħra magħmula mill-Awtorità bis-saħħa tas-subparagrafu (i) tal-paragrafu (ġ) ta' l-artikolu 7 ta' l-imsemmija Ordinanza, jew ta' kull direttiva oħra maħruġa mill-Awtorità taħt l-Ordinanza msemmija bi twettiq tad-dmirijiet u funzjonijiet tagħha.

# L-EWWEL SKEDA

Artikolu 16(3)

## GHANIJIET LI GHANDU JIĠI MAĦSUB GĦALIHOM F'LIĊENZJI U KUNTRATTI GĦALL-PROVDIMENT TA' SERVIZZI TAX-XANDIR

1. Liċenzja għandha tinkludi –

(a) dawk il-kundizzjonijiet li l-Awtorità jkun jidhrilha li jkunu xierqa b'konsiderazzjoni għal kull dmirijiet li jkunu jew li jistgħu jkunu imposti fuqhom, jew fuq id-detentur tal-liċenzja, bi jew taħt dan l-Att;

(b) kundizzjonijiet li jawtorizzaw is-sorveljanza u l-infurzar ta' livelli tekniċi f'konnessjoni mal-provdiment tas-servizz b'liċenzja inkluż l-użu tal-frekwenza allokata;

(ċ) kundizzjonijiet li jitolbu l-ħlas mid-detentur tal-liċenzja (kemm jekk ma' l-għoti tal-liċenzja jew f'dawk iż-żminijiet wara dak l-għoti li jistgħu jiġu stabbiliti mil-liċenzja jew bis-saħħa tal-liċenzja, jew it-tnejn) ta' dritt jew drittijiet ta' ammont jew ammonti hekk stabbiliti;

(d) kundizzjonijiet li jitolbu lid-detentur tal-liċenzja biex iforni lill-Awtorità, b'dak il-mod u f'dawk iż-żminijiet li l-Awtorità tista' raġonevolment titlob, b'dak it-tagħrif, inklużi dokumenti, prospetti, kontijiet u dikjarazzjonijiet li hija tkun teħtieġ għall-iskop ta' eżerċitar tal-funzjonijiet assenjati lilha bi jew taħt dan l-Att;

(e) kundizzjonijiet li jitolbu lid-detentur tal-liċenzja, jekk jinstab mill-Awtorità li jkun qed jikser xi kundizzjoni tal-liċenzja tiegħu, biex jirrifondi lill-Awtorità, f'dawk iċ–ċirkostanzi li jkunu speċifikati f'xi kundizzjonijiet, kull spejjeż raġonevolment magħmula minnha f'konnessjoni mal-ksur ta' dik il-kundizzjoni;

(f) kundizzjonijiet li jipprovdu għal dawk il-materji inċidentali jew supplimentari li l-Awtorità jkun jidhrilha li jkunu xierqa.

(ġ) kundizzjonijiet li jitolbu mid-detenturi ta' liċenzji, ħlief dawk li jipprovdu servizz tar-radju fil-komunita`, li f'kull sena finanzjarja, jagħtu lill-Awtorita` kopji tal-kontijiet tagħhom verifikati, dikjarazzjoni relattiva għall-31 ta' Diċembru ta' kull sena dwar l-attivitajiet/struttura tal-korporazzjoni tad-detenturi tal-liċenzji, kif ukoll rapporti tal-qagħda ta' l-opinjoni pubblika dwar is-servizzi ta' programmi tagħhom.

(h) kundizzjonijiet li jitolbu lid-detenturi ta' liċenzji, ħlief dawk li jipprovdu servizzi tar-radju fil-komunita`, li jagħmlu użu minn sistema ta' antenna komuni.

2. Liċenzja għandha b'mod partikulari tinkludi –

(a) kundizzjonijiet li jitolbu lid-detentur tal-liċenzja –

(i) biex iħares kull direttiva mogħtija mill-Awtorità dwar dawk il-materji li jkunu speċifikati fil-liċenzja jew li jkunu ta' deskrizzjoni hekk speċifikata;

(ii) (ħlief safejn l-Awtorità tikkonsenta li jagħmilhom jew li ma jagħmilhomx) biex ma jagħmilx jew biex jagħmel dawk il-ħwejjeġ li jkunu speċifikati fil-liċenzja jew li jkunu ta' deskrizzjoni hekk speċifikata;

(iii) biex jimxi mas-servizz ta' programmi ("*promise of performance* ") kif approvat mill-Awtoriata`.

(b) kundizzjonijiet li jitolbu lid-detentur tal-liċenzja biex jippermetti lil –

(i) kull impjegat ta' l-Awtorità jew kull persuna awtorizzata mill-Awtorità, jew

(ii) kull uffiċjal tal-Ministru responsabbli għat Telegrafija Mingħajr Fili jew kull persuna awtorizzata mill-istess Ministru,

li jidħol f'kull post li jkun użat f'konnessjoni max-xandir tas-servizz b'liċenzja u li jispezzjona, jeżamina, jopera jew jittestja xi tagħmir fuq il-post li jintuża f'dik il-konnessjoni; u

(ċ) kundizzjonijiet li jitolbu lid-detentur tal-liċenzja –

(i) biex iżomm, għal perijodu ta' disgħin (90) jum, recording ta' kull programm inkluż fis-servizz b'liċenzja;

(ii) biex, fuq it-talba ta' l-Awtorità jew ta' Qorti tal-Ġustizzja, jipproduċi lilha kull recording tali;

(iii) biex iżomm, għal perijodu ta' sena, traskrizzjoni ta' kull programm ta' aħbarijiet inkluż fis-servizz b'liċenzja;

(iv) biex fuq it-talba ta' l-Awtorità jew ta' Qorti tal-Ġustizzja jipproduċi lilha kull tali traskrizzjoni ta' aħbarijiet u kull script jew traskrizzjoni oħra ta' programm inkluż fis-servizz b'liċenzja li huwa jkun jista' jipproduċi lilha;

(v) biex iżomm kopja għal perijodu ta' tnax-il xahar tax-xandiriet kollha tas-servizz b'liċenzja;

(vi) biex fuq it-talba ta' l-Awtorità jew ta' Qorti tal-Ġustizzja, jipproduċi lilha dawk il-kopji;

(vii) biex jaddotta sistema biex jipproċessa ilmenti mingħand telespettaturi u semmiegħa.

3. Liċenzja għal servizzi bir-radju fil-komunità għandha tinkludi

kundizzjonijiet li jimpedixxu lid-detentur tal-liċenzja milli –

(a) juża xi frekwenza allokata lil Malta b'xi ftehim internazzjonali;

(b) itellef xi stazzjon tax-xandir nazzjonali li jintlaħaq minn Malta sew jekk dan ikun qed jixxandar minn Malta jew minn barra;

(ċ) itellef xi servizz tar-radju mal-pajjiż kollu;

(d) jkollu daqs ta' area li tintlaħaq li tkun teċċedi radius ta' 2.5 kilometri mill-punt tat-trasmissjoni, liema area tiġi stabbilita permezz ta' testijiet attwali;

(e) jinkludi xi ħaġa fil-programmi li toffendi s-sens ta' gosti tajba jew tad-deċenza jew li tista' tinkoraġġixxi jew tinċita lil xi ħadd biex jikkommetti xi reat jew li tista' twassal għad-disordni jew li tista' toffendi l-morali pubblika; u

(f) jittrasmetti programmi ta' aħbarijiet jew ta' avvenimenti kurrenti ħlief għal dawk li għandhom x'jaqsmu mal-komunità;

(ġ) juża frekwenza allokata għal inqas minn għoxrin (20) siegħa fil-ġimgħa.

## IT-TIENI SKEDA

Artikolu 11 (1)(ċ)

## PJAN NAZZJONALI GĦAX-XANDIR

*Prinċipji Ġenerali*

1. Il-Pjan Nazzjonali għax-Xandir jagħti espressjoni lil dawn il-prinċipji li ġejjin:

(a) Il-libertà ta' espressjoni, ittrattata fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni, għandha tiġi interpretata fis-sens li tiggarantixxi l-pluraliżmu fix-xandir. Dan l-artikolu jiggarantixxi l-libertà li wieħed jirċievi ideat u tagħrif mingħajr indħil, u libertà li jikkomunika ideat u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk il-komunikazzjoni sseħħ lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew lil xi klassi ta' persuni).

(b) Is-servizzi pubbliċi tax-xandir għandhom jibqgħu indipendenti mill-Gvern f'dik li hi responsabbiltà editorjali u kemm jista' jkun ukoll fil-qasam ekonomiku u dak regolatorju.

(ċ) Minħabba l-qawwa, l-immedjatezza u l-influwenza tax-xandir għandu jkun hemm provvediment kontinwu, kemm permezz tal-liġi kif ukoll permezz ta' għassa regolatorja, biex jitħares il-livell tal-programmi, inkluż il-mod kif jintwerew il-vjolenza u s-sess.

(d) Hemm differenzi sinifikanti bejn ir-radju u t-televiżjoni bħala mezzi tax-xandir u dawn għandhom ikunu riflessi fl-arranġamenti regolatorji rispettivi.

(e) Għandu jkun hemm l-opportunità biex jiżviluppaw servizzi ġodda skond kif jitlob is-suq, u l-Gvern m'għandux jipprova jiddetermina artifiċjalment is-suċċess relattiv tat-teknoloġiji differenti involuti.

(f) M'għandux ikun hemm limitazzjonijiet bla bżonn dwar il-medda, il-varjetà u l-kwalità tal-programmi li minnhom jistgħu jagħżlu t-telespettaturi u s-semmiegħa.

(ġ) Għandhom jiżdiedu l-opportunitajiet biex wieħed ikun jista' jagħżel direttament hu stess il-programmi televiżivi u tar-radju.

(ħ) Wieħed għandu joqgħod b'seba' għajnejn biex jiġu evitati każijiet ta' prattika mhux kompetittiva u okkażjonijiet fejn tingħata stampa mgħawġa tas-suq. Għal din ir-raġuni wkoll għandu jkun hemm separazzjoni ikbar bejn il-funzjonijiet differenti li jiffurmaw ix-xandir u li fl-imgħoddi kienu miġbura f'organizzazzjoni waħda.

*Televiżjoni*

2 (1) Għandu jiġi stabbilit il-pluraliżmu fis-sistema tat-televiżjoni Maltija.

(2) Bħala l-ewwel pass, bl-introduzzjoni ta' sistema tat-televiżjoni bil-cable se jkun hemm kanal tal-komunità imħaddem minn jew għall-Awtorità tax-Xandir.

(3) Kanal edukattiv jiġi wkoll imħaddem flimkien mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

(4) Se jkun hemm post ukoll għal kanali ġodda privati fis-sistema bil-cable li tallokahom l-Awtorità.

3. Fi żmien erba' snin, u skond kemm tkun infirxet is-sistema bil-cable, il-Gvern jiddeċidi jekk jipprovdix il-frekwenzi għal trasmissjonijiet privati mill-art jew inkella jkomplix joqgħod fuq is-sistema bil-cable.

4. Flimkien mas-settur privat, il-Gvern jinteressah li dan is-suq ġdid u importanti tat-televiżjoni bis-satellita jesplorah kif ukoll li r-riżorsi ta' Malta fil-frekwenzi jutilizzahom.

5. Fl-1989 il-Gvern għamel il-liġi meħtieġa li biha l-individwi kellhom il-permess jirċievu sinjali televiżivi minn satelliti tat-telekomunikazzjonijiet bil-kundizzjoni biss li jkunu mħarsa l-kunsiderazzjonijiet estetiċi u tekniċi. Dan seħħ wara d-deċiżjoni tal-Gvern fl-1988 li lil-lukandi u lill-kumplessi turistiċi, iħallihom iwaħħlu l-plattini li jirċievu s-sinjali mis-satelliti.

*Radju*

6. Fl-opinjoni tal-Gvern ma jidhirx li bħalissa hemm xi prospetti li jiżdiedu s-servizzi nazzjonali bir-radju fuq il-faxxa MW. Biss il-Gvern jikkunsidra l-possibiltà li fuq din il-faxxa jistgħu jiġu żviluppati servizzi internazzjonali.

7. Il-Gvern jemmen li hemm post għal għaxar servizzi nazzjonali bir-radju fuq il-faxxa VHF/FM u l-Gvern se jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-Awtorità żewġ frekwenzi mono u tmien frekwenzi stereo għal dawn is-servizzi. Huwa mistenni li tnejn minn dawn is-servizzi, wieħed mono u wieħed stereo, ikunu provduti bħala parti mis-servizzi pubbliċi tax-xandir.

8. Il-liċenzji għal servizzi nazzjonali bir-radju fil-Gżejjer Maltin għandhom jingħataw mill-Awtorità lil ċittadini magħżulin Maltin, jew kumpaniji kontrollati mill-Maltin u irreġistrati f'Malta, biex jipprovdu dan li ġej:

(a) seba' servizzi (inkluż wieħed li jipprovdih l-Istat) li għandhom jittrasmettu għal mill-inqas tnax-il siegħa kuljum u li jkunu jinkludu programmi edukattivi, informattivi u ta' divertiment biex jolqtu gosti u interessi varji u ma jkunux ta' sura limitata. B'danakollu numru minn dawn is-servizzi jistgħu jkunu iżjed maħsuba għat-turisti;

(b) tliet servizzi stereo li jxandru live erbgħa u għoxrin siegħa il-wieħed u li jipprovdu mużika, informazzjoni, analiżi ta' aħbarijiet, intervisti u programmi ta' diskussjoni bil-parteċipazzjoni telefonika tas-semmiegħa.

9. Dawk l-għaqdiet, persuni jew kumpaniji li għandhom interess jipprovdu xi servizz nazzjonali minn dawk imsemmija hawn fuq iridu jipprovdu d-dettalji kollha tal-programmi li jipproponu li jxandru kif ukoll id-dettalji sħaħ tekniċi dwar ħwejjeġ bħal studio u faċilitajiet għat-trasmissjoni flimkien mad-dettalji dwar fejn se jqegħduhom. Iridu jipprovdu wkoll l-informazzjoni kollha rilevanti dwar il-finanzjamenti, il-programm ta' investiment u informazzjoni oħra simili.

10. Sabiex ikomplu jitkabbru l-pluraliżmu u d-dritt ta' l-aċċess, għandu jkun permess u inkoraġġit ix-xandir fil-komunità.

11. (1) Il-Gvern, permezz ta' l-Awtorità, se jħalli 'l min irid ixandar programmi fil-komunità juża l-faxxa VHF/FM.

(2) Dawn l-istazzjonijiet mhux mistenni minnhom li jipprovdu "servizz ta' xandir pubbliku" bħal dak deskritt hawn fuq għal servizzi nazzjonali. L-intenzjoni hi li dawn l-istazzjonijiet ikollhom regolamenti mill-inqas sa fejn jippermetti l-interess pubbliku; ikollhom il-libertà jesprimu l-opinjoni editorjali tagħhom; ikunu jistgħu jxandru programmi sponsorjati; u jkun jista' jkollhom it-trasmettitur tagħhom stess biex b'hekk huma stess ikunu jistgħu jxandru.

*Regolamentazzjoni*

12. L-Awtorità jkollha r-responsabbiltà li talloka l-frekwenzi, identifikati mill-Gvern, u toħroġ il-liċenzji. L-istazzjonijiet ikollhom ir-responsabbiltà huma stess għall-arranġamenti li jridu jagħmlu biex jittrasmettu u jkollhom jittrasmettu fuq frekwenza waħda. B'mod ġenerali, l-istazzjonijiet ma jkunux jistgħu jirċievu fondi pubbliċi, imma jkun hemm xi eċċezzjonijiet definiti b'mod ċar. In-numru u l-iskala ta' servizzi tal-komunità jkunu jiddependu biss mit-talba lokali u x-xewqa li jkunu hemm għalihom. Il-Gvern jieħu ħsieb joħloq l-ambjent li fih ir-radju fil-komunità jkun jista' jilħaq il-potenzjal tiegħu fuq pedament sod ta' identità lokali.

13. Għal dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi bir-radju, l-obbligu kostituzzjonali dwar l-imparzjalità u l-provvediment tal-faċilitajiet ikunu qed jiġu rispettati b'mod sħiħ meta ċ-ċittadin mhux biss ikollu aċċess għal dan il-mezz imma jkun jista' jużah ukoll b'mod kompletament illiberalizzat.

14. Il-Gvern jibqa' jikkontrolla b'mod regolatorju t-tip ta' tagħmir u l-mod kif jaħdem ix-xandir nazzjonali u fil-komunità. U dan biex ma jħallix li jsir indħil lil ħaddieħor li jkun qed juża xi parti mill-medda tar-radju. Stazzjon tista' tiġih it-tentazzjoni li jkabbar il-qawwa tat-transmettitur tiegħu biex jilħaq udjenza ikbar. Għalhekk fil-liċenzja li toħroġ, l-Awtorità tispeċifika l-livell ta' qawwa li jkun permess, eċċ. L-istazzjonijiet ikollhom ukoll joqogħdu attenti biex ma jiksrux il-kundizzjonijiet tal-liċenzja billi jidħlu fuq ħaddieħor minħabba nuqqasijiet ta' inġinerija. L-organu responsabbli kemm f'dawk li huma kwistjonijiet tekniċi kif ukoll f'dawk li għandhom x'jaqsmu mal-frekwenzi jibqa' l-Ministru responsabbli għat-Telegrafija Mingħajr Fili.

15. Fil-livell nazzjonali u tal-komunità, kull stazzjon liċenzjat ikollu jaħseb hu għall-finanzi tiegħu. Ovvjament il-flus jistgħu jiġu mir-reklamar, minn ħlas volontarju jew minn għotjiet.

*Servizzi pubbliċi tax-xandir*

16. L-ebda għaqda, persuna jew kumpanija, minbarra l-Istat, ma tkun tista' tippossjiedi, tikkontrolla jew tkun responsabbli bħala editur għal iżjed minn servizz wieħed tax-xandir.

17. Is-servizzi pubbliċi tax-xandir għandhom ikollhom sehem speċjali fl-istruttura tax-xandir fil-gżejjer Maltin. Wieħed jistenna li jipprovdu programmi ta' kwalità għolja mal-medda kollha tal-gosti tal-pubbliku u ta' l-interessi tiegħu;

